Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 186

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

26 ta' Ġunju 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 703/2014 tad-19 ta' Ġunju 2014 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċibenżolar-S-metil, l-etossikina, il-flusilażol, l-isossaflutol, il-molinat, il-propossikarbażon, il-piraflufen-etil, il-kinoklamina u l-warfarina f'ċerti prodotti jew fuqhom** [1] 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 704/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 211/2013 dwar ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tan-nebbieta (sprouts) u ż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta** [1] 49

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 705/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiffissa d-dazju tal-importazzjoni applikabbli għar-ross imfarrak** 53

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 706/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 972/2006 fir-rigward tad-dazju tal-importazzjoni applikabbli għar-ross Basmati** 54

★ **Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 707/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 690/2008 li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità** 56

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 708/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 62

DIRETTIVI

★ **Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/83/UE tal-25 ta' Ġunju 2014 li temenda l-Annessi I, II, III, IV u V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-komunità ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità** 64

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2014/393/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2014 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/283/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Belġju** 72

2014/394/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, dwar ir-Regoli ta' Proċedura li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim skont it-Titolu X u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-bordijiet u l-medjaturi, dwar il-Lista ta' Membri tal-Bord u dwar il-Lista ta' Esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli** 75

2014/395/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar it-tqegħid fis-suq għall-użu essenzjali ta' prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram** *(notifikata bid-dokument C(2014) 4062)* 103

2014/396/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2014 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-ħmira tal-furnara trattata bil-UV (*Saccharomyces cerevisiae*) bħala ingredjent alimentari ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2014) 4114)* 108

2014/397/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2014 li tipposponi d-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tad-difetijalon u d-difenakum għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 14** [1] 111

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 703/2014

tad-19 ta' Ġunju 2014

li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċibenżolar-S-metil, l-etossikina, il-flusilażol, l-isossaflutol, il-molinat, il-propossikarbażon, il-piraflufen-etil, il-kinoklamina u l-warfarina f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għall-aċibenżolar-S-metil, l-isossaflutol, il-molinat, il-propossikarbażon u l-piraflufen-etil, il-livelli massimi ta' residwu (MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għall-etossikina u l-flusilażol, l-MRLs ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III ta' dak ir-Regolament. Għall-kinoklamina u l-warfarina l-ebda MRL mhu stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u peress li dawn is-sustanzi attivi mhumiex inklużi fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stabbilit fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

(2) Għall-aċibenżolar-S-metil, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([2]). L-Awtorità pproponiet li tibdel id-definizzjoni tar-residwu. Hija rrakkomandat li l-MRLs għall-banana u għat-tadam jitnaqqsu. Għal prodotti oħrajn hija rrakkomandat li jitħallew l-MRLs eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRL għat-tuffieħ, il-lanġas u l-mango xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa aktar attenzjoni mill-amministraturi tar-riskji. Minħabba li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew il-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu eżaminati mill-ġdid; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(3) In-nuqqas ta' inklużjoni tal-etossikina fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]) huwa stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2011/143/UE ([4]). L-awtorizzazzjonijiet kollha eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva etossikina ġew irrevokati. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu, l-MRLs stabbiliti għal dik is-sustanza attiva fl-Anness III għandhom jitħassru. Dan ma għandux japplika għal dawk l-MRLs li jikkorrispondu għas-CXLs skont l-użu f'pajjiżi terzi, sakemm dawn ikunu aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur. Dan lanqas ma għandu japplika f'każijiet fejn l-MRLs ikunu ġew stabbiliti speċifikament bħala tolleranzi tal-importazzjoni.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-aċibenżolar-S-metil skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(2):3122. [41 pp.].
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/143/UE tat-3 ta' Marzu 2011 li tikkonċerna n-noninklużjoni tal-etossikina fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/941/KE (ĠU L 59, 4.3.2011. p. 71).

(4) Għall-etossikina, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([1]). L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tas-CXL għal-lanġas, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Għal-lanġas ġie identifikat riskju għall-konsumaturi. Għalhekk huwa xieraq li l-MRL jiġi stabbilit fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni. L-Awtorità identifikat xi inċertezzi dwar il-valuri tossikoloġiċi ta' referenza għall-etossikina. Minħabba li ma jistax jiġi eskluż riskju għall-konsumaturi fil-livelli tar-residwi taħt l-MRL li jeżisti fil-preżent, għal-lanġas għandu japplika l-valur ta' 0,05 mg/kg mid-data meta jibda japplika dan ir-Regolament.

(5) In-nuqqas ta' inklużjoni tal-flusilażol fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/133/KE ([2]) u skada fit-30 ta' Ġunju 2008. Peress li l-flusilażol ma għadux approvat bħala sustanza attiva u l-awtorizzazzjonijiet eżistenti kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva ġew irrevokati, l-MRLs stabbiliti għal dik is-sustanza attiva fl-Anness III għandhom jitħassru skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu.

(6) Għall-flusilażol, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([3]). Fir-rigward tas-CXLs għat-tuffieħ, il-lanġas, l-għeneb tal-mejda, il-ħawħ, il-fwied, il-kliewi, il-laħam u x-xaħam taċ-ċanġa, il-laħam u x-xaħam tan-nagħaġ u l-laħam u x-xaħam tal-majjal, l-Awtorità identifikat riskju għall-konsumaturi. Għall-ħawħ dan ir-riskju għall-konsumaturi huwa identifikat fil-livelli tar-residwu taħt l-MRL li jeżisti fil-preżent. Għaldaqstant, għall-ħawħ għandu japplika l-valur ta' 0,01 mg/kg mid-data meta jibda japplika dan ir-Regolament.

(7) Għall-isossaflutol, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([4]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel. Hija rrakkomandat li tbaxxi l-MRLs għall-qamħirrum ħelu, il-ħabba tal-qamħirrum u l-kannamieli. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għaż-żerriegħa tal-peprin, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. L-MRL għaż-żerriegħa tal-peprin għandu jiġi stabbilit fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(8) Għall-molinat, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([5]). L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRL għarross xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-amministraturi tar-riskji. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dan il-prodott għandhom ikunu stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dan l-MRL għandu jiġi eżaminat mill-ġdid; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(9) Għall-propossikarbażon, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([6]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel. Hija rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għal ċerti prodotti.

(10) Għall-piraflufen-etil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([7]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel. Hija kkonkludiet li dwar il-MRLs għall-frott taċ-ċitru, il-ġewż tas-siġar, il-frott taż-żerriegħa, il-frott bl-għadma, l-għeneb tal-mejda u tal-inbid, il-passolina (ħamra, sewda u bajda), ir-ribes, il-frott tas-sebuqa, iż-żebbuġ tal-mejda, il-patata, iż-żerriegħa tal-lift, iż-żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt, il-ħabba tax-xgħir, il-ħabba tal-ħafur, il-ħabba tas-segala, il-ħabba tal-qamħ u l-ħops, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi m'hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni

([1]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-etossikina skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(5):3231. [25 pp.].

([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/133/KE tal-11 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tal-flusilazole bħala sustanza attiva (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 27).

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-flusilażol skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(4):3186. [62 pp.]

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRL) eżistenti għal S-metolaklor skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(2):3123. [30 pp.].

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-molinat skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(3):3140. [27 pp.].

([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Analiżi tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-propossikarbażon skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(4):3164. [30 pp.].

([7]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Ir-rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-piraflufen-etil skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(3):3142. [37 pp.].

disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRL għaż-żerriegħa tal-qoton, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRL għaż-żerriegħa tal-qoton għandu jiġi ffissat fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(11) Għall-kinoklamina, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([1]). L-awtorizzazzjonijiet kollha eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-kinoklamina huma ristretti għal għelejjel li ma jittiklux. Għaldaqstant, hekk huwa xieraq li l-MRLs jiġu stabbiliti fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni.

(12) Għall-warfarina, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([2]). L-awtorizzazzjonijiet eżistenti kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-warfarina jistgħu jintużaw biss bħala rodenticida u mhumiex maħsuba għal applikazzjoni diretta fuq għelejjel li jittieklu. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-MRLs jiġu stabbiliti fil-limitu prestabbilit ta' determinazzjoni.

(13) Fir-rigward tal-prodotti li għalihom la ġew irrappurtati awtorizzazzjonijiet rilevanti jew tolleranzi tal-importazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea u lanqas ma kienu disponibbli MRLs tal-Kodiċi, l-Awtorità kkonkludiet li kien hemm bżonn ta' aktar attenzjoni mill-amministraturi tar-riskji. Filwaqt li tqis l-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(14) Dwar il-ħtieġa li jiġu adottati ċerti limiti ta' determinazzjoni, il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi.. Fir-rigward ta' bosta sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti komoditajiet, l-iżvilupp tekniku jeħtieġ l-istabbiliment ta' limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(15) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u waqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, l-emendi xierqa għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(16) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.

(17) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, ir-Regolament għandu jistipula arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew prodotti legalment qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(18) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-MRLs modifikati jsiru applikabbli, biex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw żmien biex jitħejjew biex ikunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(19) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-MRLs il-ġodda u l-kummenti tagħhom ittieħdu inkonsiderazzjoni.

(20) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar ir-rieżami tal-livelli massimi ta' residwu (MRLs) eżistenti għall-kinoklamina skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(3):3141. [11 pp.].

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata dwar ir-rieżami tal-livelli massimi ta' residwu (MRLs) eżistenti għall-warfarina skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(2):3124. [8 pp.].

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li kienu prodotti b'mod legali qabel is-16 ta' Jannar 2015:

(1) fir-rigward tas-sustanzi attivi aċibenżolar-S-metil, isossaflutol, molinat, propossikarbażon, piraflufen-etil, kinoklamina u warfarina fil-prodotti kollha u fuqhom,

(2) fir-rigward tas-sustanza attiva etossikina fil-prodotti kollha jew fuqhom bl-eċċezzjoni tal-lanġas,

(3) fir-rigward tas-sustanza attiva flusilażol fil-prodotti kollha u fuqhom bl-eċċezzjoni tal-ħawħ.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-16 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, il-kolonni għall-aċibenżolar-S-metil, l-isossaflutol, il-molinat, il-propossikarbażon u l-piraflufen-etil huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	**Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li l-MRLs japplikaw għalihom** [a]	Aċibenżolar- S- metil (it- total ta' aċibenżolar- S- metil u aċidu aċibenżolari (hieles u kkonjugat), espress bħala aċibenżolar- S- metil)	Isossaflutol (it- total ta' isossaflutol u l- metabolit- diketonitril tieghu, espress bħala isossaflutol)	Molinat	Propossikarbażon (A) (propossikarbażon, l- imluha tieghu u 2- idrossipropossikarbażon espressi bħala propossikarbażon)	Piraflufen- etil (A) (It- total ta' piraflufen- etil u piraflufen, espressi bħala piraflufen- etil)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0100000	1. **FROTT FRISK JEW ĠEWŻ IFFRIŻAT**		**0,02** (*)			**0,02** (*)
0110000	(i) **Frott taċ-ċitru**	**0,01** (*)		**0,01** (*)	**0,02** (*)	**(+)**
0110010	Grejpfrut (Shaddocks, pomelos, sweeties, tangelo (minbarra l-minneola), ugli u ibridi oħra)					
0110020	Lariġ (Bergamott, lariġ morr, kinotto u ibridi oħra)					
0110030	Lumi (Tronġ, lumi, Buddha's hand (Citrus medica var. sarcodactylis))					
0110040	Xkomp					
0110050	Mandolin (Klementini, tangerine, minneola u ibridi oħra tangor (Citrus reticulata x sinensis))					
0110990	Oħrajn					
0120000	(ii) **Ġewż tas-siġar**			**0,02** (*)	**0,05** (*)	**(+)**
0120010	Lewż	**0,01** (*)				
0120020	Ġewż tal-Brażil	**0,01** (*)				
0120030	Ġewż tal-anakardju	**0,01** (*)				
0120040	Qastan	**0,01** (*)				
0120050	Ġewż tal-Indi	**0,01** (*)				
0120060	Ġellewż (Filbert)	0,1				
0120070	Macadamia	**0,01** (*)				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0120080	Ġewż Amerikan	**0,01** (*)				
0120090	Ġewż tal-arżnu	**0,01** (*)				
0120100	Pistaċċi	**0,01** (*)				
0120110	Ġewż	**0,01** (*)				
0120990	Oħrajn	**0,01** (*)				
0130000	(iii) **Frott taż-żerriegħa**			**0,01** (*)	0,02 (*)	**(+)**
0130010	Tuffieħ (Tuffieħ salvaġġ)	**0,1 (+)**				
0130020	Lanġas (Lanġas Orjentali)	**0,1 (+)**				
0130030	Sfarġel	**0,01** (*)				
0130040	Naspli	**0,01** (*)				
0130050	Naspla tal-Ġappun	**0,01** (*)				
0130990	Oħrajn	**0,01** (*)				
0140000	(iv) **Frott tal-għadma**			**0,01** (*)	0,02 (*)	**(+)**
0140010	Berquq	0,2				
0140020	Ċiras (Ċirasa ħelwa, ċirasa qarsa)	**0,01** (*)				
0140030	Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili)	0,2				
0140040	Għanbaqar (Damson, greengage, mirabelle, pruna salvaġġa, tamal aħmar/tamal Ċiniż/żinżel Ċiniż (Ziziphus zizyphus))	**0,01** (*)				
0140990	Oħrajn	**0,01** (*)				
0150000	(v) **Żibeġ tal-kukku u frott żgħir**	**0,01** (*)		**0,01** (*)	0,02 (*)	
0151000	(a) **Għeneb tal-mejda u tal-inbid**					**(+)**
0151010	Għeneb tal-mejda					
0151020	Għeneb tal-inbid					
0152000	(b) **Frawli**					
0153000	(c) **Frott tal-kannamiela**					
0153010	Tut					
0153020	Dewberries (Loganberries, tayberries, boysenberries, cloudberries u ibridi ta' Rubus oħra)					
0153030	Lampun (Wineberries, għollieq tal-Artiku/lampun, (Rubus arcticus), nektar tal-lampun (Rubus arcticus x Rubus idaeus))					
0153990	Oħrajn					
0154000	(d) **Żibeġ tal-kukku u frott żgħir ieħor**					
0154010	Blueberries (Mirtill)					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0154020	Cranberries (Għeneb tal-muntanja (cowberries)/mirtill aħmar (vitis-idaea))					
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)					**(+)**
0154040	Ribes (gooseberries) (Inklużi l-ibridi ma' speċi oħra tar-Ribes)					**(+)**
0154050	Warda Skoċċiża					
0154060	Ċawsli (Arbutus berry)					
0154070	Azarole (naspla Mediterranja) (Kiwiberry (Actinidia arguta))					
0154080	Frott is-sebuqa (Black chokeberry/appleberry, mountain ash, buckthorn/sea sallowthorn, hawthorn, serviceberries, u treeberries ieħor)					**(+)**
0154990	Oħrajn					
0160000	(vi) **Frott mixxellanju**			**0,01** (*)	0,02 (*)	
0161000	(a) **Qoxra li tittiekel**	**0,01** (*)				
0161010	Tamal					
0161020	Tin					
0161030	Żebbuġ tal-mejda					**(+)**
0161040	Lariġ tal-qsari (Lariġ tal-qsari marumi, lariġ tal-qsari nagami, limequats (Citrus aurantifolia x Fortunella spp.))					
0161050	Karambola (Bilimbi)					
0161060	Kaki					
0161070	Jambolan (għanbaqar tal-Ġava) (Tuffieħ tal-Ġava/water apple, rose apple, ċirasa Brażiljana, ċirasa tas-Surinam/grumichama (Eugenia uniflora),)					
0161990	Oħrajn					
0162000	(b) **Qoxra li ma tittikilx, żgħar**	**0,01** (*)				
0162010	Kiwi					
0162020	Liċċi (Litchi) (Pulasan, rambutan/liċċi bis-suf, longan, mangosteen, langsat, salak)					
0162030	Frotta tal-passjoni					
0162040	Bajtar tax-xewk (frotta tal-kaktus)					
0162050	Tuffieħa stilla					
0162060	Frotta tal-kaki (Kaki tal-Virġinja) (Sapote sewda, bajda, ħadra, canistel/sapote safra, sapote mammey)					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0162990	Oħrajn					
0163000	(c) **Qoxra li ma tittikilx, kbar**					
0163010	Avokado	**0,01** (*)				
0163020	Banana (Banana nanija, pjantaġġni, bananito)	**0,08**				
0163030	Mango	**0,6 (+)**				
0163040	Papaja	**0,01** (*)				
0163050	Rummien	**0,01** (*)				
0163060	Ċerimoja (Custard apple, sugar apple/sweetsop, ilama (Annona diversifolia) u frott ieħor ta' Annonnaceae ta' daqs medju)	**0,01** (*)				
0163070	Gwava (Pitaja ħamra/ħelwa (Hylocereus undatus))	**0,01** (*)				
0163080	Ananas	**0,01** (*)				
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż (Jackfruit)	**0,01** (*)				
0163100	Durian	**0,01** (*)				
0163110	Il-frotta tal-annona (guanbana)	**0,01** (*)				
0163990	Oħrajn	**0,01** (*)				
0200000	2. **ĦAXIX FRISK JEW IFFRIŻAT**					0,02 (*)
0210000	(i) **Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0211000	(a) **Patata**					**(+)**
0212000	(b) **Ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi**					
0212010	Kassava (Dasheen, eddoe/Japanese taro, tannia)					
0212020	Patata ħelwa					
0212030	Jammijiet (Potato bean/yam bean, yam bean Messikan)					
0212040	Ararut					
0212990	Oħrajn					
0213000	(c) **Ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi**					
0213010	Pitravi					
0213020	Karrotti					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0213030	Celeriac (Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi)					
0213040	Għerq tal-mustarda (L-għeruq tal-anġelika, tal-lovage, tal-ġenzjana)					
0213050	Artiċokks (Crosne)					
0213060	Zunnarija bajda					
0213070	Tursin tuberuż					
0213080	Ravanell (Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell żgħir u varjetajiet simili, tiger nut (Cyperus esculentus))					
0213090	Sassefrika (Scorzonera, sassefrika Spanjola/ Spanish oysterplant, lappa li tittiekel)					
0213100	Swedes					
0213110	Turnips (xorta ta' Brassica)					
0213990	Oħrajn					
0220000	(ii) **Ħxejjex tal-basla**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0220010	Tewm					
0220020	Basal (Basal ieħor tal-basla, basal silverskin)					
0220030	Shallots					
0220040	Basal tar-Rebbiegħa u basal ta' Wales (Basal ieħor aħdar u varjetajiet simili)					
0220990	Oħrajn					
0230000	(iii) **Ħxejjex tal-frott**		**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0231000	(a) **Solanacea**					
0231010	Tadam (Tadam ċiras, Fisalis spp., goġiberri, wolfberry (Lycium barbarum u L. chinense) tadam tas-siġra)	**0,9**				
0231020	Bżar (Bżar aħmar)	**0,01** (*)				
0231030	Brunġiel (Pepino, antroewa/brunġiel abjad (S. macrocarpon))	**0,01** (*)				
0231040	Okra	**0,01** (*)				
0231990	Oħrajn	**0,01** (*)				
0232000	(b) **Cucurbits — qoxra li tittiekel**	**0,01** (*)				
0232010	Ħjar					
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)					
0232030	Zukkini (qarabagħli żgħir) (Qara' tas-sajf, qara' (patisson), lauki (Lagenaria siceraria), chayote, sopropo/bettieħ morr, snake gourd, angled luffa/teroi)					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0232990	Oħrajn					
0233000	(c) **Cucurbits-qoxra li ma tittikilx**	**0,01** (*)				
0233010	Bettieħ (Kiwano)					
0233020	Qara' aħmar (Qara' ħamra, qara' (varjetà imwaħħra))					
0233030	Dulliegħ					
0233990	Oħrajn					
0234000	(d) **Qamħ ħelu (Qamħirrun żgħir)**	**0,01** (*)				
0239000	(e) **Ħxejjex tal-frott oħra**	**0,01** (*)				
0240000	(iv) **Ħxejjex tal-ġenus Brassica**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0241000	(a) **Brassica bil-fjuri**					
0241010	Brokkoli (Calabrese, broccoli raab, brokkoli Ċiniżi)					
0241020	Pastard					
0241990	Oħrajn					
0242000	(b) **Brassica bir-ras**					
0242010	Brussels sprouts					
0242020	Kaboċċa bir-ras (Kaboċċa bir-ras ippuntata, kaboċċa ħamra, kaboċċa Ingliża mflefla, kaboċċa bajda)					
0242990	Oħrajn					
0243000	(c) **Brassica bil-weraq**					
0243010	Kaboċċa Ċiniża (Mustarda Indjana jew Ċiniża pak choi, kaboċċa ċatta Ċiniża/tai goo choi, choi sum, kaboċċa ta' Pekin/pe-tsai)					
0243020	Kale (Borecole/kale innukklat, collards, Kale Portugiż, Kaboċċa Portugiża, cow cabbage)					
0243990	Oħrajn					
0244000	(d) **Ġidra**					
0250000	(v) **Ħxejjex tal-weraq u ħxejjex aromatiċi friski**					
0251000	(a) **Ħass u pjanti oħra tal-insalata inklużi l-Brassicacea**	**0,3**	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0251010	Ħass tal-ħaruf (Insalata tal-qamħ Taljan)					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0251020	Ħass (Ħass ikkabboċjat, lollo rosso, ħass iceberg, ħass romaine (cos))					
0251030	Scarole (indivja tal-werqa wiesgħa) (Ċikwejra salvaġġa, ċikwejra tal-werqa ħamra, radiccho, indivja tal-weraq innukklat, sugar loaf (C. endivia var. crispum/C. intybus var. foliosum), weraq taċ-ċikwejra salvaġġa)					
0251040	Krexxun (Mung bean sprouts, alfalfa sprouts)					
0251050	Krexxun tal-art					
0251060	Aruka (Aruka salvaġġa (Diplotaxis spp.))					
0251070	Mustarda ħamra					
0251080	Weraq u nebbieta tal-Brassica spp, inklużi l-weraq tat-turnip (xorta ta' Brassika) (Mizuna, weraq tal-piżelli u tar-ravanell u pjanti oħra, inklużi tal-brassica bil-weraq żgħir (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqat), weraq tal-ġidra)					
0251990	Oħrajn					
0252000	(b) **Spinaċi u ħxejjex simili (weraq)**		**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0252010	Spinaċi (Spinaċi tan-New Zealand, spinaċi amaranthus (pakkhom, tampara), weraq tal-pjanta Tajer, bitterblad/bitawiri)	0,3				
0252020	Burdlieqa (Burdlieqa tax-xitwa/miner's lettuce, burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, ħaxixa Ingliża glasswort, Krexxuni (Salsola soda))	**0,01** (*)				
0252030	Weraq tal-pitravi (chard) (Weraq tal-pitravi)	**0,01** (*)				
0252990	Oħrajn	**0,01** (*)				
0253000	(c) **Weraq tad-dielja (Malabar nightshade, weraq tal-banana, climbing wattle (Acacia pennata))**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0254000	(d) **Krexxuni tal-ilma (Kampanella/konvolvulu Ċiniż/konvolvulu tal-ilma/water spinach/kangkung (Ipomea aquatica), silla tal-ilma, mimoża tal-ilma)**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0255000	(e) **Witloof**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0256000	(f) **Ħxejjex aromatiċi**	0,3	0,05 (*)	**0,02** (*)	**0,05** (*)	
0256010	Maxxita					
0256020	Kurrat salvaġġ					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0256030	Weraq tal-karfus (Weraq tal-bużbież, weraq tal-kosbor, weraq tax-xibt, weraq tal-ħlewwa, lovage, anġelika, sweet cicely u weraq oħrajn Apiacea, ċilantro/stinking/kosbor twil/stink weed (Eryngium foetidum))					
0256040	Tursin (weraq tat-tursin tuberuż)					
0256050	Salvja (Sagħtrija (Satureia hortensis, Satureia montana), weraq Borago officinalis)					
0256060	Klin					
0256070	Sagħtar (Merdqux, riegnu)					
0256080	Ħabaq (Weraq tal-balzmu, nagħniegħ, peper-mint, ħabaq sagru, ħabaq ħelu, ħabaq bis-suf, fjuri li jittieklu (qronfol Tork u oħrajn), ombrellini, werqa tal-betel salvaġġa, weraq tal-kàri)					
0256090	Weraq tar-rand (Lemon grass)					
0256100	Stragun (Issopu)					
0256990	Oħrajn					
0260000	(vi) **Legumi (friski)**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0260010	Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra/fażola Franċiża/snap beans, fażola ħamra tixxeblek, slicing bean, yard long beans, fażola tal-gwar, fażola tas-sojja)					
0260020	Fażola (bla miżwed) (Ful, Flageolets, jack bean, lima bean, cowpea)					
0260030	Piżelli (bil-miżwed) (Manġxtù/sugar peas/snow peas)					
0260040	Piżelli (bla miżwed) (Piżelli tal-ġnien, piżelli ħodor, ċiċri)					
0260050	Għads					
0260990	Oħrajn					
0270000	(vii) **Ħxejjex biz-zokk (friski)**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0270010	Asparagu					
0270020	Kardun (Zkuk borago officinalis)					
0270030	Karfus					
0270040	Bużbież					
0270050	Qaqoċċ (Fjura tal-banana)					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0270060	Kurrat					
0270070	Rabarbru					
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambù					
0270090	Qlub tal-palm					
0270990	Oħrajn					
0280000	(viii) **Faqqiegħ**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0280010	Faqqiegħ ikkultivat (Faqqiegħ komuni, oyster mushroom, shiitake, fungus mycelium (partijiet veġetattivi))					
0280020	Faqqiegħ salvaġġ (Chanterelle, tartuf, more, cep)					
0280990	Oħrajn					
0290000	(ix) **Alki tal-baħar**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	
0300000	3. **ŻRIERAGĦ IMNIXXFA TAL-LEGUMI**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
0300010	Fażola (Ful, navy beans, flageolets, jack beans, lima beans, fażola tal-għelieqi, cowpeas)					
0300020	Għads					
0300030	Piżelli (Ċiċri, piżelli tal-għelieqi, ġulbiena)					
0300040	Lupini					
0300990	Oħrajn					
0400000	4. **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,02** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)
0401000	(i) **Żrieragħ taż-żejt**					
0401010	Żerriegħa tal-kittien					
0401020	Karawett					
0401030	Żerriegħa tal-peprin					
0401040	Żerriegħa tal-ġunġlien					
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol					
0401060	Żerriegħa tal-lift (Żerriegħa tal-lift tal-għasafar, turnip rape)					**(+)**
0401070	Żerriegħa tas-sojja					
0401080	Żerriegħa tal-mustarda					
0401090	Żerriegħa tal-qoton					
0401100	Żrieragħ tal-qara' ħamra (Żrieragħ oħrajn tal-Cucurbitaceae)					
0401110	Għosfor					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0401120	Fiddloqom (Purple viper's bugloss/Canary flower (Echium planatgineum Corn Gromwell (Buglossoides arvensis))					
0401130	Camelina sativa					
0401140	Żerrigħa tal-qanneb					
0401150	Castor bean					
0401990	Oħrajn					
0402000	(ii) **Frott taż-żejt**					
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt					**(+)**
0402020	Ġewż tal-palm (żrieragħ tal-palm għaż-żejt)					
0402030	Frott tal-palm					
0402040	Kapok					
0402990	Oħrajn					
0500000	5. **ĊEREALI**		**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
0500010	Xgħir	**0,05**				**(+)**
0500020	Qamħ Saraċin (Amaranthus, quinoa)	**0,01** (*)				
0500030	Qamħirrum	**0,01** (*)				
0500040	Millieġ (Dekkuk, teff, millieġ Afrikan, millieġ perla)	**0,01** (*)				
0500050	Ħafur	**0,01** (*)				**(+)**
0500060	Ross (Ross Indjan/salvaġġ (Zizania aquatica))	**0,01** (*)		**(+)**		
0500070	Segala	**0,01** (*)				**(+)**
0500080	Sorgu	**0,01** (*)				
0500090	Qamħ (Spelt, triticale)	**0,05**				**(+)**
0500990	Oħrajn (Skalora (Phalaris canariensis))	**0,01** (*)				
0600000	6. **TÈ, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW**	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0610000	(i) **Tè**					
0620000	(ii) **Żrieragħ tal-kafè**					
0630000	(iii) **Infużjonijiet erbali (imnixxfa)**					
0631000	(a) **Fjuri**					
0631010	Fjuri tal-kamumilla					
0631020	Fjuri tal-ħibiskus					
0631030	Petali tal-ward					
0631040	Fjuri tal-ġiżimin (Fjuri tas-sebuqa (Sambucus nigra))					
0631050	Xkomp (linden)					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0631990	Oħrajn					
0632000	(b) **Weraq**					
0632010	Weraq tal-frawli					
0632020	Weraq tar-rooibos (Weraq tal-ġingo)					
0632030	Matè					
0632990	Oħrajn					
0633000	(c) **Għeruq**					
0633010	Għeruq tal-valerjana					
0633020	Għeruq tal-ġinseng					
0633990	Oħrajn					
0639000	(d) **Infużjonijiet erbali oħra**					
0640000	(iv) **Żrieragħ tal-kakaw (iffermentati jew imnixxfin)**					
0650000	(v) **Ħarruba**					
0700000	7. **ĦOPS (imnixxfa)**	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*) **(+)**
0800000	8. **ĦWAWAR**					
0810000	(i) **Żrieragħ**	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0810010	Ħlewwa					
0810020	Ħlewwa sewda					
0810030	Żerriegħa tal-karfus (Żerriegħa tal-lovage)					
0810040	Żerriegħa tal-kosbor					
0810050	Żerriegħa tal-kemmun					
0810060	Żerriegħa tax-xibt					
0810070	Żerriegħa tal-bużbież					
0810080	Fienu					
0810090	Noċemuskata					
0810990	Oħrajn					
0820000	(ii) **Frott u żibeġ tal-kukku**	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka					
0820020	Bżar tas-Sichuan (bżar tal-ħlewwa, bżar tal-Ġappun)					
0820030	Ħlewwa Ġermaniża					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
0820040	Kardamomu					
0820050	Frott tal-ġnibru					
0820060	Bżar, iswed, aħdar u abjad (Bżar twil, bżar roża)					
0820070	Mżiewed tal-vanilla					
0820080	Tamar tal-Indja					
0820990	Oħrajn					
0830000	(iii) **Qoxra tas-siġar**	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0830010	Kannella (Kassja)					
0830990	Oħrajn					
0840000	(iv) **Għeruq jew riżomi**					
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0840020	Ġinġer	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0840030	Żagħfran tal-Indja (kurkuma)	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0840040	Għerq tal-mustarda	**(+)**	**(+)**	**(+)**	**(+)**	**(+)**
0840990	Oħrajn	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0850000	(v) **Blanzuni**	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0850010	Msiemer tal-qronfol					
0850020	Kappar					
0850990	Oħrajn					
0860000	(vi) **Stigma tal-fjuri**	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0860010	Żagħfran					
0860990	Oħrajn					
0870000	(vii) **Aril**	0,05 (*)	0,1 (*)	**0,05** (*)	**0,1** (*)	**0,1** (*)
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemuskata					
0870990	Oħrajn					
0900000	9. **PJANTI TAZ-ZOKKOR**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
0900010	Pitravi taz-zokkor (għeruq)					
0900020	Kannamiela					
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra					
0900990	Oħrajn					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
1000000	10. **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI–ANNIMALI TERRESTRI**					
1010000	(i) **Tessut**	0,02 (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)
1011000	(a) **Majjal**					
1011010	Muskoli					
1011020	Xaħam					
1011030	Fwied					
1011040	Kliewi					
1011050	Ġewwieni li jittieklu					
1011990	Oħrajn					
1012000	(b) **Bovini**					
1012010	Muskoli					
1012020	Xaħam					
1012030	Fwied					
1012040	Kliewi					
1012050	Ġewwieni li jittieklu					
1012990	Oħrajn					
1013000	(c) **Nagħaġ**					
1013010	Muskoli					
1013020	Xaħam					
1013030	Fwied					
1013040	Kliewi					
1013050	Ġewwieni li jittieklu					
1013990	Oħrajn					
1014000	(d) **Mogħoż**					
1014010	Muskoli					
1014020	Xaħam					
1014030	Fwied					
1014040	Kliewi					
1014050	Ġewwieni li jittieklu					
1014990	Oħrajn					
1015000	(e) **Żwiemel, ħmir, bgħula jew hinnies**					
1015010	Muskoli					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
1015020	Xaħam					
1015030	Fwied					
1015040	Kliewi					
1015050	Ġewwieni li jittieklu					
1015990	Oħrajn					
1016000	(f) **Tjur -tiġieġ, wiżż, papri, dundjani u fargħuni, ngħam, ħamiem**					
1016010	Muskoli					
1016020	Xaħam					
1016030	Fwied					
1016040	Kliewi					
1016050	Ġewwieni li jittieklu					
1016990	Oħrajn					
1017000	(g) **Annimali oħra tar-razzett (Fenek, kangarù, ċerv)**					
1017010	Muskoli					
1017020	Xaħam					
1017030	Fwied					
1017040	Kliewi					
1017050	Ġewwieni li jittieklu					
1017990	Oħrajn					
1020000	(ii) **Ħalib**	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	**0,02** (*)	**0,02** (*)
1020010	Frat					
1020020	Nagħaġ					
1020030	Mogħoż					
1020040	Żwiemel					
1020990	Oħrajn					
1030000	(iii) **Bajd tal-għasafar**	0,02 (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)
1030010	Tiġieġ					
1030020	Papri					
1030030	Wiżż					
1030040	Summien					
1030990	Oħrajn					

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
1040000	(iv) **Għasel (Ħalib tan-naħal, polline, għasel tax-xehda bix-xehda)**	**0,05** (*)	**0,05** (*)	**0,05** (*)	**0,05** (*)	**0,05** (*)
1050000	(v) **Anfibji u rettili (Saqajn taż-żrinġijiet, kukku-drilli)**	0,02 (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)
1060000	(vi) **Bebbux**	0,02 (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)
1070000	(vii) **Prodotti minn annimali terrestri oħra (Kaċċa salvaġġa)**	0,02 (*)	**0,02** (*)	**0,01** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)

(*) Jindika limitu iktar baxx ta' determinazzjoni analitika

(**) Kombinazzjoni ta' pestiċida-kodiċi li għalih japplika l-MRL stabbilit fl-Annex III Parti B.

([a]) Għal-lista sħiħa ta' prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

Aċibenżolar-S-metil (it-total ta' aċibenżolar-S-metil u aċidu aċibenżolari (ħieles u kkonjugat), espress bħala aċibenżolar-S-metil)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu bħala mhux disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq mis-26 ta' Ġunju 2016, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0130010 Tuffieħ (Tuffieħ salvaġġ)

0130020 Lanġas (Lanġas Orjentali)

0163030 Mango

(+) Il-livell massimu ta' residwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-Ħxejjex, fil-grupp tal-ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqiesu l-bidliet li jkun hemm fil-livelli minħabba l-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Għerq tal-mustarda

Isossaflutol (it-total ta' isossaflutol u l-metabolit-diketonitril tiegħu, espress bħala isossaflutol)

(+) Il-livell massimu ta' residwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-Ħxejjex, fil-grupp tal-ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqiesu l-bidliet li jkun hemm fil-livelli minħabba l-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Għerq tal-mustarda

Molinat

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu bħala mhux disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq mis-26 ta' Ġunju 2016, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0500060 Ross (Ross Indjan/salvaġġ (Zizania aquatica))

(+) Il-livell massimu ta' residwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-Ħxejjex, fil-grupp tal-ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqiesu l-bidliet li jkun hemm fil-livelli minħabba l-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Għerq tal-mustarda

Propossikarbażon (A) (propossikarbażon, l-imluħa tiegħu u 2-idrossipropossikarbażon espressi bħala propossikarbażon)

(A) = Il-laboratorji ta' referenza tal-UE identifikaw l-istandard ta' referenza għal 2-idrossi-propossikarbażon bħala kummerċjalment mhux disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis id-disponibbiltà kummerċjali msemmija fl-ewwel sentenza sas-26 ta' Ġunju 2015, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tkunx kummerċjalment disponibbli sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

(+) Il-livell massimu ta' residwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-Ħxejjex, fil-grupp tal-ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqiesu l-bidliet li jkun hemm fil-livelli minħabba l-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Għerq tal-mustarda

Piraflufen-etil (A) (It-total ta' piraflufen-etil u piraflufen, espressi bħala piraflufen-etil)

(A) = Il-laboratorji ta' referenza tal-UE identifikaw l-istandard ta' referenza għal piraflufen bħala kummerċjalment mhux disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis id-disponibbiltà kummerċjali msemmija fl-ewwel sentenza sas-26 ta' Ġunju 2015, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tkunx kummerċjalment disponibbli sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu bħala mhux disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq mis-26 ta' Ġunju 2016, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0110000 (i) **Frott taċ-Ċitru**

0110010 Grejpfrut (Shaddocks, pomelos, sweeties, tangelo (minbarra l-minneola), ugli u ibridi oħra)

0110020 Lariġ (Bergamott, lariġ morr, kinotto u ibridi oħra)

0110030 Lumi (Tronġ, lumi, Buddha's hand (Citrus medica var. sarcodactylis))

0110040 Xkomp

0110050 Mandolin (Klementini, tangerine, minneola u ibridi oħra tangor (Citrus reticulata x sinensis))

0110990 Oħrajn

0120000 (ii) **Ġewż tas-siġar**

0120010 Lewż

0120020 Ġewż tal-Brażil

0120030 Ġewż tal-anakardju

0120040 Qastan

0120050 Ġewż tal-Indi

0120060 Ġellewż (Filbert)

0120070 Macadamia

0120080 Ġewż Amerikan

0120090 Ġewż tal-arżnu

0120100 Pistaċċi

0120110 Ġewż

0120990 Oħrajn

0130000 (iii) **Frott taż-żerriegħa**

0130010 Tuffieħ (Tuffieħ salvaġġ)

0130020 Lanġas (Lanġas Orjentali)

0130030 Sfarġel

0130040 Naspli

0130050 Naspla tal-Ġappun

0130990 Oħrajn

0140000 (iv) **Frott tal-għadma**

0140010 Berquq

0140020 Ċiras (Ċirasa ħelwa, ċirasa qarsa)

0140030 Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili)

0140040 Għanbaqar (Damson, greengage, mirabelle, pruna salvaġġa, tamal aħmar/tamal Ċiniż/żinżel Ċiniż (Ziziphus zizyphus))

0140990 Oħrajn

0151000 (a) **Għeneb tal-mejda u tal-inbid**

0151010 Għeneb tal-mejda

0151020 Għeneb tal-inbid

0154030 Passolina (ħamra, sewda u bajda

0154040 Ribes (gooseberries) (Inklużi l-ibridi ma' speċi oħra tar-Ribes)

([1]) *jew* [II.1.1. iż-żrieragħ deskritti hawn fuq ġew prodotti f'kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-iġjene għall-produzzjoni primarja u l-operazzjonijiet assoċjati stipulati fil-Parti A tal-Anness I tiegħu];

(1) *jew* [II.1.1. iż-żrieragħ ġew ikkampjunati u ttestjati għalEnterobacteriaceae u r-riżultati ma qabżux il-livell ta' 1000 cfu/g ([2]). Il-laboratorji li jwettaq l-analiżi huwa akkreditat skont ISO 17025 għall-analiżi].

II.1.2. in-nebbieta ġew prodotti fi stabbilimenti approvati skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 210/2013 ([3]);

II.1.3. in-nebbieta ġew prodotti f'kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' traċċabbiltà stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 ([4]) u jirrispettaw il-kriterji mikrobijoloġiċi stipulati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 2073/2005 ([5]).

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.7: Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-oriġini taż-żrieragħ.

— Kaxxa ta' referenza I.11: Isem il-post tal-oriġini li jrid ikun l-istess bħall-pajjiż tal-oriġini fil-kaxxa 1.7. Jekk jogħġbok indika l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment li jiġbor iż-żrieragħ u/jew in-nebbieta. Ħassar kif xieraq.

— Kaxxa ta' referenza I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (fil-każ ta' vaguni tal-ferrovija jew vetturi bil-kontejner u vetturi tat-triq), in-numru tat-titjira (fil-każ ta' inġenju tal-ajru) jew l-isem (fil-każ ta' vapur). Fil-każ ta' trasportazzjoni f'kontejners, l-għadd totali tal-kontejners u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan irid jiġi indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, l-ispeditur irid jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-post rilevanti bil-kontrolli fl-UE (fakultattiv).

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 0704 90, 0706 90, 0708 10, 0708 20, 0708 90, 0713 10,0713 33, 0712 34, 0712 35, 0713 39, 0713 40, 0712 50, 0712 60, 0713 90, 0910 99, 1201 10, 1201 90, 1207 50, 1207 99, 1209 10,1209 21,1209 91, 1214 90.

— Kaxxa ta' referenza I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali f'kg.

— Kaxxa ta' referenza I.23: fil-każ ta' kontejners jew kaxxi, irid jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (kif applikabbli).

— Kaxxa ta' referenza I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal isem l-istabbilimenti tal-produzzjoni taż-żrieragħ.

Parti II:

([1]) Ħassar kif xieraq.

([2]) Għall-kampjunar u l-ittestjar, ittieħed kampjun rappreżentattiv ta' mill-inqas 0,5 % tal-piż tal-lott taż-żrieragħ f'subkampjuni ta' 50 g. Minn dan il-kampjun, 5 subkampjuni ta' 25 g tħejjew skont ISO 6887-4:2003 u ġew analizati għal Enterobacteriaceae skont ISO 21528-2.

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 210/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar l-approvazzjoni tal-istabbilimenti li jipproduċu n-nebbieta skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 68, 12.3.2013, p. 24).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 tal- 11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà għan-nebbieta u ż-żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni tan-nebbieta (ĠU L 68, 12.3.2013, p. 16).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummossjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1);

— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. L-istess regola tapplika għat-timbri, ħlief dawk ibbuzzati fil-karta jew bil-marka tal-ilma.

Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 705/2014

tal-25 ta' Ġunju 2014

li jiffissa d-dazju tal-importazzjoni applikabbli għar-ross imfarrak

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja ([2]) dwar ir-ross, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/953/KE ([3]), jistipula li, għar-ross imfarrak, l-Unjoni għandha tapplika dazju tal-importazzjoni ta' EUR 65 kull tunnellata.

(2) Biex jimplimenta l-Ftehim bejn l-Unjoni u t-Tajlandja, l-Artikolu 140 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([4]) kien stipula li d-dazju tal-importazzjoni fuq ir-ross imfarrak għandu jkun ta' EUR 65 għal kull tunnellata.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li jħassar u jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ma jinkludix dispożizzjoni simili għall-Artikolu 140 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. F'dak li jirrigwarda d-dazji tal-importazzjoni, l-Artikolu 183 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw il-livell tad-dazju tal-importazzjoni applikat skont ir-regoli stipulati, fost l-oħrajn, bħala parti minn ftehim internazzjonali konkluż skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(4) Sabiex ikompli jkun konformi mal-Ftehim bejn l-Unjoni u t-Tajlandja, id-dazju tal-importazzjoni applikabbli għar-ross imfarrak għandu jiġi ffissat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Minkejja r-rata tad-dazju tal-importazzjoni ffissata fit-Tariffa Doganali Komuni, id-dazju tal-importazzjoni fuq ir-ross imfarrak li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 40 00 għandu jkun ta' EUR 65 kull tunnellata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u t-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 26).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/953/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-konklużjoni ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u t-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 24).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS), (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 706/2014

tal-25 ta' Ġunju 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 972/2006 fir-rigward tad-dazju tal-importazzjoni applikabbli għar-ross Basmati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

(1) Skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indja ([2]) dwar ir-ross, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/617/KE ([3]), id-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet tar-ross imfesdaq ta' ċerti varjetajiet Basmati li joriġinaw mill-Indja huwa ffissat bħala żero.

(2) Skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Pakistan ([4]) dwar ir-ross, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/618/KE ([5]), id-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet tar-ross imfesdaq ta' ċerti varjetajiet Basmati li joriġinaw mill-Pakistan huwa ffissat bħala żero.

(3) Biex jimplimenta dawk il-Ftehimiet, l-Artikolu 138 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([6]) jistipula li r-ross imfesdaq tal-varjetajiet Basmati koperti minn dawk il-ftehimiet kellu jikkwalifika għal rata żero ta' dazju tal-importazzjoni skont il-kundizzjonijiet iffissati mill-Kummissjoni. Dawk il-kundizzjonijiet ġew stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 972/2006 ([7]).

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li jħassar u jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ma jinkludix dispożizzjoni simili għall- Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Rigward id-dazju tal-importazzjoni, l-Artikolu 183 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw il-livell tad-dazju tal-importazzjoni applikat skont ir-regoli stipulati, fost l-oħrajn, fi ftehim internazzjonali konkluż skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(5) Sabiex jibqa' jkun hemm konformità mal- Ftehim bejn l-Unjoni u l-Indja u mal-Ftehim bejn l-Unjoni u l-Pakistan, għandu jiġi stipulat fir-Regolament (KE) Nru 972/2006 li r-ross imfesdaq tal-varjetajiet Basmati koperti minn dawk il-ftehimiet għandu jikkwalifika għal rata żero ta' dazju tal-importazzjoni skont il-kundizzjonijiet ffissati f'dak ir-Regolament.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 972/2006 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Indja skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 (ĠU L 279, 28.8.2004, p. 19).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/617/KE tal-11 ta' Awwissu 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Indja skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 (ĠU L 279, 28.8.2004, p. 17).

([4]) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Pakistan skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 (ĠU L 279, 28.8.2004, p. 25).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/618/KE tal-11 ta' Awwissu 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Pakistan skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 (ĠU L 279, 28.8.2004, p. 23).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 972/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli speċjali għal importazzjonijiet ta' ross Basmati u sistema tranżitorja ta' kontroll biex ikun determinat l-oriġini tagħhom (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 53).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 972/2006 huwa sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 1

Dan ir-Regolament għandu japplika għar-ross imfesdaq Basmati li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20 17 u taħt il-kodiċi NM 1006 20 98, tal-varjetajiet li ġejjin:

— Basmati 217

— Basmati 370

— Basmati 386

— Kernel (Basmati)

— Pusa Basmati

— Ranbir Basmati

— Super Basmati

— Taraori Basmati (HBC-19)

— Type-3 (Dehradun)

Minkejja r-rati tad-dazju tal-importazzjoni ffissati fit-Tariffa Doganali Komuni, ir-ross imfesdaq tal-varjetajiet Basmati msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jikkwalifika għal rata żero ta' dazju tal-importazzjoni skont il-kundizzjonijiet iffissati b'dan ir-Regolament."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 707/2014

tal-25 ta' Ġunju 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 690/2008 li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(h) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talbiet ippreżentati minn Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall u r-Renju Unit,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 [2] ċerti Stati Membri jew ċerti żoni fi Stati Membri ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' ċerti organiżmi ta' ħsara. F'ċerti każijiet ingħata rikonoxximent għal perjodu ta' żmien limitat biex jippermetti lill-Istat Membru kkonċernat jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex juri li l-organiżmi ta' ħsara inkwistjoni ma kinux jeżistu fl-Istat Membru jew fiż-żona kkonċernata jew biex itemm l-isforzi biex jeqred l-organiżmu inkwistjoni.

(2) Ċerti partijiet tat-territorju tal-Portugall ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Bemisia tabaci* Genn. (Popolazzjonijiet Ewropej). Il-Portugall ressaq informazzjoni li turi li l-*Bemisia tabaci* issa stabbilixxiet ruħha f'Madeira. Il-miżuri li ttieħdu fl-2013 bl-għan li dan l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. B'ħekk il-Madeira m'għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala parti miż-żona protetta tal-Portugall fir-rigward tal-*Bemisia tabaci*.

(3) Minn informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Greċja, jidher li t-territorju tal-Greċja għadu ħieles mid-*Dendroctonus micans* Kugelan. Madankollu, huwa meħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-rikonoxximent taż-żona protetta tal-Greċja fir-rigward tad-*Dendroctonus micans* għandu jiġi estiż sat-30 ta' April 2016.

(4) L-Irlanda talbet li t-territorju tagħha jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tad-*Dryocosmus kuriphilus* Yasumatsu. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2006 u l-2013, l-Irlanda ressqet evidenza li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat mhuwiex preżenti fit-territorju tagħha, minkejja l-kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-Irlanda għandha tiġi rikonoxxuta bħala żona protetta fir-rigward tad-*Dryocosmus kuriphilus* sat-30 ta' April 2016 biss.

(5) Il-Portugall talab li t-territorju tiegħu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tad-*Dryocosmus kuriphilus* Yasumatsu. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2010 u l-2013, il-Portugall ressaq evidenza li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat mhuwiex preżenti fit-territorju tiegħu, minkejja l-kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Portugall għandu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tad-*Dryocosmus kuriphilus* sat-30 ta' April 2016 biss.

(6) Ir-Renju Unit talab li t-territorju tiegħu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tad-*Dryocosmus kuriphilus* Yasumatsu. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2006 u l-2013, ir-Renju Unit ressaq evidenza li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat mhuwiex preżenti fit-territorju tiegħu, minkejja l-kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, ir-Renju Unit għandu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tad-*Dryocosmus kuriphilus* sat-30 ta' April 2016 biss.

---

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 tal-4 ta' Lulju 2008 li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità (ĠU L 193, 22.7.2008, p. 1).

(7) Minn informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Greċja, jidher li t-territorju tal-Greċja għadu ħieles mill-*Gilpinia hercyniae* (Hartig). Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-rikonoxximent taż-żona protetta tal-Greċja fir-rigward tal-*Gilpinia hercyniae* għandu jiġi estiż sat-30 ta' April 2016.

(8) Minn informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Greċja, jidher li t-territorju tal-Greċja għadu ħieles mill-*Gonipterus scutellatus* Gyll. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-rikonoxximent taż-żona protetta tal-Greċja fir-rigward tal-*Gonipterus scutellatus* għandu jiġi estiż sat-30 ta' April 2016.

(9) It-territorju ta' Korsika (Franza) ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-*Ips amitinus* Eichhof. Franza talbet ir-revoka taż-żona protetta tagħha fir-rigward tal-*Ips amitinus* minħabba n-nuqqas tal-speċi ospitanti ewlenija tiegħu f'Korsika. B'hekk Korsika (Franza) m'għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala żona protetta fir-rigward tal-*Ips amitinus* Eichhof.

(10) Minn informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Greċja, jidher li t-territorju tal-Greċja għadu ħieles mill-*Ips amitinus* Eichhof. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-rikonoxximent taż-żona protetta tal-Greċja fir-rigward tal-*Ips amitinus* għandu jiġi estiż sat-30 ta' April 2016.

(11) Minn informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Greċja, jidher li l-*Ips cembrae* Heer m'għadux preżenti fit-territorju tal-Greċja. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-rikonoxximent taż-żona protetta tal-Greċja fir-rigward tal-*Ips cembrae* għandu jiġi estiż sat-30 ta' April 2016.

(12) Minn informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Greċja, jidher li t-territorju tal-Greċja għadu ħieles mill-*Ips duplicatus* Sahlberg. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-rikonoxximent taż-żona protetta tal-Greċja fir-rigward tal-*Ips duplicatus* għandu jiġi estiż sat-30 ta' April 2016.

(13) L-Irlanda talbet li t-territorju tagħha jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tat-*Thaumetopoea processionea* L.. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2011 u l-2013, l-Irlanda ressqet evidenza li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat mhuwiex preżenti fit-territorju tagħha, minkejja l-kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-Irlanda għandha tiġi rikonoxxuta bħala żona protetta fir-rigward tat-*Thaumetopoea processionea* sat-30 ta' April 2016 biss.

(14) Ir-Renju Unit talab li t-territorju tiegħu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tat-*Thaumetopoea processionea* L., bl-eċċezzjoni taż-żoni tal-awtoritajiet lokali ta' Brent, Bromley, Camden, City of London, City of Westminster, Croydon, Ealing, Elmbridge District, Epsom and Ewell District, Hackney, Hammersmith & Fulham, Haringey, Harrow, Hillingdon, Hounslow, Islington, Kensington & Chelsea, Kingston upon Thames, Lambeth, Lewisham, Merton, Reading, Richmond Upon Thames, Runnymede District, Slough, South Oxfordshire, Southwark, Spelthorne District, Sutton, Tower Hamlets, Wandsworth u West Berkshire. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2007 u l-2013, ir-Renju Unit ressaq evidenza li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat mhuwiex preżenti fit-territorju tiegħu, bl-eċċezzjoni ta' dawk iż-żoni tal-awtoritajiet lokali, minkejja l-kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-Renju Unit, bl-eċċezzjoni ta' dawk iż-żoni tal-awtoritajiet lokali, għandu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tat-*Thaumetopoea processionea* sat-30 ta' April 2016 biss.

(15) Ċerti partijiet tat-territorju ta' Spanja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al.. Spanja ressqet informazzjoni li turi li l-*Erwinia amylovora* issa hija stabbilita fil-komunitajiet awtonomi ta' Aragón, Castilla la Mancha, Murcia, Navarra u La Rioja, il-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana). Il-miżuri li ttieħdu fl-2013 bl-għan li dan l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, il-komunitajiet awtonomi ta' Aragón, Castilla la Mancha, Murcia, Navarra u La Rioja, il-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana) m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta ta' Spanja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*.

(16) Ċerti partijiet tat-territorju tal-Italja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al.. L-Italja ressqet informazzjoni li turi li *Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fi Friuli-Venezia Guilia u fil-Provinċja ta' Sondrio (il-Lombardija). Il-miżuri li ttieħdu fl-2013 bl-għan li dan l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, Friuli-Venezia Giulia u l-provinċja ta' Sondrio (il-Lombardija) m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta tal-Italja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*.

(17) It-territorju kollu tal-Irlanda ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al.. L-Irlanda ressqet informazzjoni li turi li l-*Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fil-belt ta' Galway. Il-miżuri ttieħdu bejn l-2005 u l-2013, bil-għan li jinqered l-organiżmu ta' ħsara, iżda dawn ma kinux effettivi. Għalhekk, il-belt ta' Galway m'għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala parti miż-żona protetta tal-Irlanda fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*.

(18) It-territorju kollu tal-Litwanja ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al.. Il-Litwanja ressqet informazzjoni li turi li *Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fil-muniċipalitajiet ta' Kėdainiai u Babtai (ir-reġjun ta' Kaunas). Il-miżuri li ttieħdu għal perjodu ta' sentejn suċċessivi, fl-2012 u l-2013, bl-għan li l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, il-muniċipalitajiet ta' Kėdainiai u Babtai (ir-reġjun ta' Kaunas) m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta tal-Litwanja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*.

(19) Ċerti partijiet tat-territorju tas-Slovenja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al.. Is-Slovenja ressqet informazzjoni li turi li l-*Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fid-distretti lokali ta' Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4) u Lendava. Il-miżuri li ttieħdu għal perjodu ta' sentejn suċċessivi, fl-2012 u l-2013, bl-għan li l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, id-distretti lokali ta' Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4) u Lendava m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta tas-Slovenja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*.

(20) Ċerti partijiet tat-territorju tas-Slovakkja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. et al.. Is-Slovakkja ressqet informazzjoni li turi li l-*Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fid-distretti lokali ta' Čenkovce, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda). Il-miżuri li ttieħdu għal perjodu ta' sentejn suċċessivi, fl-2012 u l-2013, bl-għan li l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, id-distretti lokali ta' Čenkovce, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda) m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta tas-Slovakkja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*.

(21) Ir-Renju Unit talab li t-territorju tiegħu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tas-*Ceratocystis platani* (J.M. Walter) Engelbr. & T.C. Harr.. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2010 u l-2013, ir-Renju Unit ressaq evidenza li dawn l-organiżmi ta' ħsara kkonċernati mhumiex preżenti fit-territorju tiegħu, minkejja l-kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, ir-Renju Unit għandu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tas-*Ceratocystis platani* sat-30 ta' April 2016 biss.

(22) Ir-Renju Unit talab li t-territorju kollu tiegħu, inkluż il-Gżira ta' Man, jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-organiżmu ta' ħsara *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2006 u l-2013, ir-Renju Unit ressaq evidenza li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat mhuwiex preżenti fil-Gżira ta' Man, minkejja l-kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, iż-żona protetta tar-Renju Unit fir-rigward tas-*Cryphonectria parasitica* għandha tiġi rikonoxxuta fir-rigward tal-Gżira ta' Man sat-30 ta' April 2016 biss.

(23) Ċerti partijiet tat-territorju tal-Greċja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-vajrus Citrus tristeza. Il-Greċja ressqet informazzjoni li turi li l-vajrus Citrus tristeza issa stabbilixxa ruħu fl-unità reġjonali ta' Chania. Il-miżuri li ttieħdu fl-2013 bl-għan li dan l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, l-unità reġjonali ta' Chania m'għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala parti miż-żona protetta tal-Greċja fir-rigward tal-vajrus Citrus tristeza.

(24) It-territorju ta' Korsika (Franza) ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-ġeneri Ewropej tal-vajrus Citrus tristeza. Franza ressqet informazzjoni li turi li ġeneri Ewropej tal-vajrus Citrus tristeza issa huma stabbiliti f'Korsika, u ma jistgħux jinqerdu. Għalhekk, it-territorju ta' Korsika (Franza) m'għandux jibqa' jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward ta' ġeneri Ewropej tal-vajrus Citrus tristeza.

(25) Franza talbet li ċerti partijiet tal-"vignoble Champenois", b'mod aktar speċifiku Picardie (department de l'Aisne) u Ile de France (communes de Citry, Nanteuil-sur-Marne et Saâcy-sur-Marne), jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta ta' Franza fir-rigward tal-organiżmu ta' ħsara Grapevine flavescence dorée MLO. Dawk il-partijiet kienu koperti mill-istħarriġ fil-"vignoble Champenois" għal Grapevine flavescence dorée MLO mingħajr ma kienu ġew elenkati bħala parti miż-żona protetta, minħabba li ma kenux parti miż-żona amministrattiva ta' Champagne sensu stricto. Għalhekk, iż-żona protetta ta' Franza fir-rigward tal-Grapevine flavescence dorée MLO għandha tiġi rikonoxxuta wkoll fir-rigward ta' Picardie (department de l'Aisne) u Ile de France (communes de Citry, Nanteuil-sur-Marne et Saâcy-sur-Marne).

(26) L-Italja talbet biex Apúlia tiġi rikonoxxuta bħala parti miż-żona protetta tagħha fir-rigward tal-organiżmu ta' ħsara Grapevine flavescence dorée MLO. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar fl-2013, l-Italja ressqet evidenza li l-organiżmu kkonċernat ta' ħsara ma jeżistix f'Apúlia minkejja kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, Apúlia għandha tiġi rikonoxxuta bħala parti miż-żona protetta tal-Italja fir-rigward tal-Grapevine flavescence dorée MLO sat-30 ta' April 2016 biss.

(27) Minn informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Italja, jidher li t-territorju ta' Sardenja għadu ħieles mill-Grapevine flavescence dorée MLO. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-rikonoxximent tat-territorju ta' Sardenja bħala parti miż-żona protetta tal-Italja fir-rigward tal-Grapevine flavescence dorée MLO għandu jiġi estiż sat-30 ta' April 2016.

(28) Ir-Regolament (KE) Nru 690/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(29) Sabiex tkun żgurata l-kontinwità f'dak li jirrigwarda ż-żoni protetti rikonoxxuti sal-31 ta' Marzu 2014, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' April 2014.

(30) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 690/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-intestatura (a) hija emendata kif ġej:

(a) Il-punt (2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. *Bemisia tabaci* Genn. (Popolazzjonijiet Ewropej)	L-Irlanda, il-Portugall (l-Azores, Beira Interior, Beira Litoral, Entre Douro e Minho, Ribatejo e Oeste (id-distretti lokali ta' Alcobaça, Alenquer, Bombarral, Cadaval, Caldas da Rainha, Lourinhã, Nazaré, Obidos, Peniche u Torres Vedras) u Trás-os-Montes), il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit"

(b) Il-punti (4) u (5) huma mibdula b'dan li ġej:

"4. *Dendroctonus micans* Kugelan	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq, il-Ġżira ta' Man u Jersey)
4.1. *Dryocosmus kuriphilus* Yasumatsu	L-Irlanda (sat-30 ta' April 2016), il-Portugall (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (sat-30 ta' April 2016)
5. *Gilpinia hercyniae* (Hartig)	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq, il-Ġżira ta' Man u Jersey)"

(c) Il-punti (7) sa (10) huma mibdula b'dan li ġej:

"7. *Gonipterus scutellatus* Gyll	Il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), il-Portugall (l-Azores)
8. *Ips amitinus* Eichhof	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit
9. *Ips cembrae* Heer	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq u l-Ġżira ta' Man)
10. *Ips duplicatus* Sahlberg	L-Irlanda, il-Greċja (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit"

(d) Il-punt 16 li ġej jiżdied wara l-punt 15:

"16. *Thaumetopoea processionea* L.	L-Irlanda (sat-30 ta' April 2016), ir-Renju Unit (bl-eċċezzjoni taż-żoni tal-awtoritajiet lokali ta' Brent, Bromley, Camden, City of London, City of Westminster, Croydon, Ealing, Elmbridge District, Epsom and Ewell District, Hackney, Hammersmith & Fulham, Haringey, Harrow, Hillingdon, Hounslow, Islington, Kensington & Chelsea, Kingston upon Thames, Lambeth, Lewisham, Merton, Reading, Richmond Upon Thames, Runnymede District, Slough, South Oxfordshire, Southwark, Spelthorne District, Sutton, Tower Hamlets, Wandsworth u West Berkshire) (sat-30 ta' April 2016)"

(2) Fl-intestatura (b), il-punt 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. *Erwinia amylovora* (Burrill)Winslow *et al.*	— L-Estonja, Spanja (ħlief il-komunitajiet awtonomi ta' Aragón, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, Murcia, Navarra u La Rioja, il-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), Franza (Korsika), l-Italja (Abruzzo, Basilicata, Calabria, Campania, Lazio, Liguria, Marche, Molise, Piemonte, Sardenja, Sqallija, Toscana, Umbria, Valle d'Aosta), il-Latvja, il-Portugall, il-Finlandja, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq, il-gżira ta' Man u ċ-Channel Islands), — u, sat-30 ta' April 2016, l-Irlanda (ħlief il-belt ta' Galway), l-Italja (Apúlia, Emilia-Romagna (il-provinċji ta' Parma u Piacenza), il-Lombardija (ħlief il-provinċji ta' Mantua u Sondrio), il-Veneto (ħlief il-provinċji ta' Rovigo u Venezja, id-distretti lokali ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano u Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-Nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), il-Litwanja (ħlief il-muniċipalitajiet ta' Babtai u Kėdainiai (ir-reġjun ta' Kaunas)), is-Slovenja (ħlief ir-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska, u d-distretti lokali ta' Lendava u Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4)), is-Slovakkja (ħlief id-distretti lokali ta' Čenkovce, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda), Hronovce and Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov))"

(3) Fl-intestatura (c), il-punt 0.1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"01. *Ceratocystis platani* (J.M. Walter) Engelbr. & T.C. Harr.	Ir-Renju Unit (sat-30 ta' April 2016)
02. *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr	Ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Isvezja, ir-Renju Unit (għall-Gżira ta' Man, sat-30 ta' April 2016)"

(4) Fl-intestatura (d), il-punti (3) u (4) huma mibdula b'dan li ġej:

"3. Citrus tristeza virus (ġeneri Ewropej)	Il-Greċja (ħlief l-Unitajiet Reġjonali ta' Argolida u Chania), Malta, il-Portugall (ħlief Algarve u Madeira)
4. Grapevine flavescence dorée MLO	Ir-Repubblika Ċeka, Franza (Alsace, Champagne-Ardenne, Picardie (département de l'Aisne), Ile de France (communes de Citry, Nanteuil-sur-Marne et Saâcy-sur-Marne) u Lorraine), l-Italja (Apúlia (sat-30 ta' April 2016), Sardenja (sat-30 ta' April 2016), u Basilicata)"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' April 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 708/2014

tal-25 ta' Ġunju 2014

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jipprescrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 KG)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	67,9
	TR	91,6
	ZZ	79,8
0707 00 05	MK	27,7
	TR	74,4
	ZZ	51,1
0709 93 10	TR	107,4
	ZZ	107,4
0805 50 10	AR	103,5
	BO	130,6
	TR	118,4
	ZA	125,0
	ZZ	119,4
0808 10 80	AR	125,9
	BR	84,9
	CL	100,6
	NZ	134,6
	US	147,8
	ZA	125,6
	ZZ	119,9
0809 10 00	TR	228,9
	ZZ	228,9
0809 29 00	TR	298,4
	ZZ	298,4

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DIRETTIVI

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2014/83/UE

tal-25 ta' Ġunju 2014

li temenda l-Annessi I, II, III, IV u V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-komunità ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-punti (c) u (d) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 14 tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati,

Billi:

(1) Ċerti partijiet tat-territorju tal-Portugall ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Bemisia tabaci* Genn. (Popolazzjonijiet Ewropej). Il-Portugall ressaq informazzjoni li turi li l-*Bemisia tabaci* issa stabbilixxiet ruħha f'Madeira. Il-miżuri li ttieħdu fl-2013 bl-għan li dan l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. B'ħekk il-Madeira m'għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala parti miż-żona protetta tal-Portugall fir-rigward tal-Bemisia tabaci. Il-partijiet B tal-Annessi I u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(2) Ċerti partijiet tat-territorju ta' Spanja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*. Spanja ressqet informazzjoni li turi li l-*Erwinia amylovora* issa hija stabbilita fil-komunità awtonoma ta' Aragón, il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana). Il-miżuri li ttieħdu fl-2013 bl-għan li dan l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, il-komunità awtonoma ta' Aragón, il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana) m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta ta' Spanja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*. Il-partijiet B tal-Annessi II, III u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(3) It-territorju kollu tal-Irlanda ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*. L-Irlanda ressqet informazzjoni li turi li l-*Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fil-belt ta' Galway. Il-miżuri ttieħdu bejn l-2005 u l-2013, bil-għan li jinqered l-organiżmu ta' ħsara, iżda dawn ma kinux effettivi. Għalhekk, il-belt ta' Galway m'għandhiex tibqa' tiġi rikonoxxuta bħala parti miż-żona protetta tal-Irlanda fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*. Il-partijiet B tal-Annessi II, III u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(4) It-territorju kollu tal-Litwanja ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*. Il-Litwanja ressqet informazzjoni li turi li *Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fil-muniċipalitajiet ta' Kėdainiai u Babtai (ir-reġjun ta' Kaunas). Il-miżuri li ttieħdu għal perjodu ta' sentejn suċċessivi, fl-2012 u l-2013, bl-għan li l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, il-muniċipalitajiet ta' Kėdainiai u Babtai (ir-reġjun ta' Kaunas) m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta tal-Litwanja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*. Il-partijiet B tal-Annessi II, III u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(5) Ċerti partijiet tat-territorju tas-Slovenja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*. Is-Slovenja ressqet informazzjoni li turi li l- *Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fid-distretti lokali ta' Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4) u Lendava. Il-miżuri li ttieħdu għal perjodu ta'

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

sentejn suċċessivi, fl-2012 u l-2013, bl-għan li l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, id-distretti lokali ta' Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4) u Lendava m'għandhomx jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala parti miż-żona protetta tas-Slovenja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*. Il-partijiet B tal-Annessi II, III u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(6) Ċerti partijiet tat-territorju tas-Slovakkja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward tal-*Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al*.. Is-Slovakkja ressqet informazzjoni li turi li l- *Erwinia amylovora* issa stabbilixxiet ruħha fid-distrett lokali ta' Čenkovce (il-Kontea ta' Dunajská Streda). Il-miżuri li ttieħdu għal perjodu ta' sentejn suċċessivi, fl-2012 u l-2013, bl-għan li l-organiżmu ta' ħsara jinqered ma kinux effettivi. Għalhekk, id-distrett lokali ta' Čenkovce (il-Kontea ta' Dunajská Streda) m'għandhux jibqa' jiġi rikonoxxut bħala parti miż-żona protetta tas-Slovakkja fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*. Il-partijiet B tal-Annessi II, III u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(7) L-isem xjentifiku tal-organiżmu ta' ħsara *Ceratocystis fimbriata* f. spp. *platani* Walter għandu jiġi emendat b'konformità mad-denominazzjoni xjentifika riveduti tal-organiżmu, u għandha ssir referenza għalih bħala *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr. L-Annessi II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu allinjati.

(8) *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. harr. issa qed jitfaċċa wkoll fl-Isvizzera. It-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV u l-punt I tal-Parti B tal-Anness V tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(9) Fid-dawl tal-iżviluppi fil-qasam tat-tagħrif xjentifiku, għandu jiġi kkunsidrat li, fir-rigward tal-injam ta' *Platanus* L., it-tneħħija tal-qoxra taz-zokk ma teliminax ir-riskju fitosanitarju assoċjat mas-*Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr. It-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(10) Fid-dawl tar-riskju li joħloq is-*Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr., huwa teknikament ġustifikat, li dak l-organiżmu ta' ħsara jiġi inkluż fil-parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE sabiex il-produzzjoni u l-kummerċ ta' pjanti u prodotti tal-pjanti f'ċerti żoni fil-periklu jiġu mħarsa.

(11) Ir-Renju Unit talab li t-territorju tiegħu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tas-*Ceratocystis platani* (J.M. Walter) Engelbr. & T.C. Harr.. Fuq il-bażi tal-istħarriġ li sar bejn l-2010 u l-2013, ir-Renju Unit ressaq evidenza li l-organiżmu ta' ħsara kkonċernat mhuwiex preżenti fit-territorju tiegħu, minkejja l-kundizzjonijiet favorevoli għal dak l-organiżmu biex jistabbilixxi lilu nnifsu hemm. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar stħarriġ. Dak l-istħarriġ għandu jiġi mmonitorjat minn esperti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, ir-Renju Unit għandu jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tas-*Ceratocystis platani* sat-30 ta' April 2016 biss. Għalhekk, il-partijiet B tal-Annessi II u IV tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan. Bl-istess mod, il-Parti B tal-Anness IV u l-Parti A.II tal-Anness V tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati biex jiġu introdotti rekwiżiti għaċ-ċaqliq ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra fiż-żoni protetti.

(12) Għalhekk, l-Annessi I, II, III, IV u V tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi I, II, III, IV u V tad-Direttiva 2000/29/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2014, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 2014.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha tkun din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

(1) L-Anness I, fl-intestatura (a) tal-Parti B, il-punt (1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. *Bemisia tabaci* Genn. (Popolazzjonijiet Ewropej)	IRL, P (Azores, Beira Interior, Beira Litoral, Entre Douro e Minho, Madeira, Ribatejo e Oeste (id-distretti lokali ta' Alcobaça, Alenquer, Bombarral, Cadaval, Caldas da Rainha, Lourinhã, Nazaré, Obidos, Peniche u Torres Vedras) u Trás-os-Montes), UK, S, FI"

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-intestatura (c) tat-Taqsima II tal-Parti A, il-punt 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr.	Pjanti tal-*Platanus* L., maħsuba għat-tħawwil, għajr żrieragħ, u injam tal-*Platanus* L., inkluż injam li ma żammx il-wiċċ ittundjat naturali tiegħu"

(b) Fil-punt 2 tal-intestatura (b) tal-Parti B, it-test fit-tielet kolonna, żona/i protetta/i, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"E (bl-eċċezzjoni tal-komunitajiet awtonomi ta' Aragon, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, Murcia, Navarra u La Rioja, u l-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), EE, F (Korsika), IRL (bl-eċċezzjoni tal-belt ta' Galway), I (Abruzzo, Apulia, Basilicata, Calabria, Campania, Emilia-Romagna (il-provinċji ta' Parma u Piacenza), Lazio, Liguria, Lombardija (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Mantua u Sondrio), Marche, Molise, Piemonte, Sardenja, Sqallija, Toskana, Umbria, Valle d'Aosta, Veneto (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Rovigo u Venezja, id-distretti lokali ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano, Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-Nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), LV, LT, (ħlief ir-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska u d-distretti lokali ta' Lendava u Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4)), SK (ħlief id-distretti lokali ta' Blahová, Čenkovce, Horné Mýto, Okoč, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda), Hronovce u Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-Kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov)), FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq, il-Gżira ta' Man u ċ-Channel Islands)."

(c) Fl-intestatura (c) tal-Parti B, il-punt li ġej għandu jiddaħħal qabel il-punt 0.1:

"0.0.1. *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr.	Pjanti tal-*Platanus* L., maħsuba għat-tħawwil, għajr żrieragħ, u injam tal-*Platanus* L., inkluż injam li ma żammx il-wiċċ ittundjat naturali tiegħu	UK"

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 1 tal-Parti B, it-test fit-tieni kolonna, żona/i protetta/i, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"E (bl-eċċezzjoni tal-komunitajiet awtonomi ta' Aragon, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, Murcia, Navarra u La Rioja, u l-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), EE, F (Korsika), IRL (bl-eċċezzjoni tal-belt ta' Galway), I (Abruzzo, Apulia, Basilicata, Calabria, Campania, Emilia-Romagna (il-provinċji ta' Parma u Piacenza), Lazio, Liguria, Lombardija (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Mantua u Sondrio), Marche, Molise, Piemonte, Sardenja, Sqallija, Toskana, Umbria, Valle d'Aosta, Veneto (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Rovigo u Venezja, id-distretti lokali ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano, Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-Nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), LV, LT, (ħlief ir-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska u d-distretti lokali ta' Lendava u Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4)), SK (ħlief id-distretti lokali ta' Blahová, Čenkovce, Horné Mýto, Okoč, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda), Hronovce u Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-Kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov)), FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq, il-Gżira ta' Man u ċ-Channel Islands)."

(b) Fil-punt 2 tal-Parti B, it-test fit-tieni kolonna, żona/i protetta/i, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"E (bl-eċċezzjoni tal-komunitajiet awtonomi ta' Aragon, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, Murcia, Navarra u La Rioja, u l-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), EE, F (Korsika), IRL (bl-eċċezzjoni tal-belt ta' Galway), I (Abruzzo, Apulia, Basilicata, Calabria, Campania, Emilia-Romagna (il-provinċji ta' Parma u Piacenza), Lazio, Liguria, Lombardija (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Mantua u Sondrio), Marche, Molise, Piemonte, Sardenja, Sqallija, Toskana, Umbria, Valle d'Aosta, Veneto (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Rovigo u Venezja, id-distretti lokali ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano, Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-Nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), LV, LT, (ħlief ir-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska u d-distretti lokali ta' Lendava u Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4)), SK (ħlief id-distretti lokali ta' Blahová, Čenkovce, Horné Mýto, Okoč, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda), Hronovce u Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-Kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov)), FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq, il-Gzira ta' Man u ċ-Channel Islands)."

(4) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima I tal-Parti A hija emendata kif ġej:

(i) Il-punt 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Injam tal-*Platanus*, ħlief dak fil-forma ta' laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal tal-injam u skrapp, imma li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu, li joriġina mill-Armenja, mill-Isvizzera jew mill-Istati Uniti tal-Amerika.	Stqarrija uffiċjali li l-injam għadda minn proċess ta' tnixxif fil-forn sakemm ikollu kontenut ta' umdità ta' inqas minn 20 %, espress bħala perċentwal tal-materja niexfa, u mikseb permezz ta' skeda xierqa ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka 'kiln-dried' (imnixxef fil-forn) jew 'KD', jew marka oħra li hija rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq kwalunkwe materjal ieħor użat għall-imballaġġ skont l-użu attwali."

(ii) Il-punt 7.1 għandu jinbidel b'dawn il-punti l-ġodda li ġejjin 7.1.1 u 7.1.2:

"7.1.1. Kemm jekk imniżżel fil-Kodiċijiet NM elenkati fl-Anness V, Parti B, kif ukoll jekk le, injam fil-forma ta' laqx, partiċelli, serratura, ċana fdal tal-injam u skrapp miksub bis-sħiħ jew parzjalment minn: — *Acer saccharum* Marsh., li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kanada, — *Populus* L., li joriġina mill-kontinent Amerikan.	Stqarrija uffiċjali li l-injam: (a) ġie prodott minn injam tond bla qoxra, jew (b) ikun għadda minn proċess ta' tnixxif fil-forn sakemm ikollu kontenut ta' umdità ta' inqas minn 20 %, espress bħala perċentwal ta' materja niexfa, miksub permezz ta' skeda xierqa ta' ħin/temperatura, jew (c) għadda minn proċess xieraq ta' fumigazzjoni skont speċifikazzjoni approvata b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2). Għandu jkun hemm evidenza dwar il-fumigazzjoni billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) jiġu indikati l-ingredjent attiv, it-temperatura minima tal-injam, irrata (g/m³) u l-ħin ta' espożizzjoni (h), jew (d) ikun għadda minn trattament xieraq tas-sħana sabiex tintlaħaq temperatura minima tal-qalba ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta konsekuttiva tul il-profil kollu tal-injam (inkluż fil-qalba tiegħu), u din tal-aħħar għandha tiġi indikata fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii).

7.1.2. Kemm jekk imniżżel fil-Kodiċijiet NM elenkati fl-Anness V, Parti B, kif ukoll jekk le, injam fil-forma ta' laqx, partiċelli, serratura, ċana fdal tal-injam u skrapp miksub bis-sħiħ jew parzjalment minn: — *Platanus* L. li joriġina mill-Armenja, mill-Isvizzera jew mill-Istati Uniti tal-Amerika.	Stqarrija uffiċjali li l-injam: (a) ikun għadda minn proċess ta' tnixxif fil-forn sakemm ikollu kontenut ta' umdità ta' inqas minn 20 %, espress bħala perċentwal ta' materja niexfa, miksub permezz ta' skeda xierqa ta' ħin/temperatura, jew (b) ikun għadda minn proċess xieraq ta' fumigazzjoni skont speċifikazzjoni approvata b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2) Għandu jkun hemm evidenza dwar il-fumigazzjoni billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii) jiġu indikati l-ingredjent attiv, it-temperatura minima tal-injam, irrata (g/m³) u l-ħin ta' espożizzjoni (h), jew (c) ikun għadda minn trattament xieraq tas-sħana sabiex tintlaħaq temperatura minima tal-qalba ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta konsekuttiva tul il-profil kollu tal-injam (inkluż fil-qalba tiegħu), u din tal-aħħar għandha tiġi indikata fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii)."

(iii) Il-punt 12 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"12. Pjanti tal-*Platanus* L., maħsuba għat-tħawwil, għajr żrieragħ, li joriginaw mill-Armenja, mill-Isvizzera jew mill-Istati Uniti tal-Amerika.	Dikjarazzjoni uffiċjali li ma ġew osservati ebda sintomi ta' *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr. fil-post tal-produzzjoni jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu minn meta beda l-aħħar ċiklu komplut tal-veġetazzjoni."

(b) It-Taqsima II tal-Parti A hija emendata kif ġej:

(i) Il-punt 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Injam tal-*Platanus* L., inkluż injam li ma jkunx żamm il-wiċċ naturali tond tiegħu.	Stqarrija uffiċjali li: (a) l-injam joriġina minn żoni magħrufa bħala li huma ħielsa mis-*Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr., jew (b) fuq l-injam jew fuq l-imballaġġ tiegħu għandu jkun hemm evidenza li l-injam ikun għadda minn proċess ta' tnixxif fil-forn, billi fuq l-injam jew fuq l-imballaġġ titqiegħed il-marka 'kiln-dried' (imnixxef fil-forn) jew 'KD', jew marka oħra rikonoxxuta internazzjonalment, biex jintwera li l-injam tnixxef bil-forn sakemm kien fih kontenut ta' umdità ta' inqas minn 20 %, espress bħala perċentwal ta' materja niexfa fil-ħin tal-manifattura, miksub permezz ta' skeda adattata ta' ħin/temperatura."

(ii) Il-punt 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"8. Pjanti tal-*Platanus* L., maħsuba għat-tħawwil, għajr żrieragħ	Stqarrija uffiċjali li: (a) il-pjanti joriginaw minn żona magħrufa bħala li hija ħielsa mis-*Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr., jew (b) li ma ġew osservati ebda sintomi ta' *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr. fil-post tal-produzzjoni jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu minn meta beda l-aħħar ċiklu komplut tal-veġetazzjoni."

(c) Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(i) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 6.3:

"6.4. Injam tal-*Platanus* L., inkluż injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, li joriġina mill-Unjoni, mill-Armenja, mill-Isvizzera jew mill-Istati Uniti tal-Amerika	Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-injam imniżżel fl-Anness IVA(I)5 u 7.1.2, u IVA(II)2, fejn xieraq, stqarrija uffiċjali li: (a) l-injam joriġina minn żona magħrufa bħala li hija ħielsa mis-*Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr., stabbilita b'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, jew (b) fuq l-injam jew fuq l-imballaġġ tiegħu għandu jkun hemm evidenza li l-injam ikun għadda minn proċess ta' tnixxif fil-forn, billi fuq l-injam jew fuq l-imballaġġ titqiegħed il-marka 'kiln-dried' (imnixxef fil-forn) jew 'KD', jew marka oħra rikonoxxuta internazzjonalment, biex jintwera li l-injam tnixxef bil-forn sakemm kien fih kontenut ta' umdità ta' inqas minn 20 %, espress bħala perċentwal ta' materja niexfa fil-ħin tal-manifattura, miksub permezz ta' skeda adattata ta' ħin/temperatura, jew (c) l-injam joriġina minn żona protetta elenkata fil-kolonna tal-lemin	UK"

(i) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 12:

"12.1. Pjanti tal-*Platanus* L., maħsuba għat-tħawwil, għajr żrieragħ, li joriginaw mill-Unjoni, mill-Armenja, mill-Isvizzera jew mill-Istati Uniti tal-Amerika	Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-pjanti mniżżla fl-Anness IVA(I)12 u IVA(II)8, fejn xieraq, stqarrija uffiċjali li: (a) il-pjanti ġew imkabbra tul ħajjithom f'żona ħielsa mis-*Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr., stabbilita b'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, jew (b) il-pjanti ġew imkabbra tul ħajjithom f'żona protetta elenkata fil-kolonna tal-lemin.	UK"

(iii) Fil-punt 21, it-test fit-tielet kolonna, żona/i protetta/i, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"E (bl-eċċezzjoni tal-komunitajiet awtonomi ta' Aragon, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, Murcia, Navarra u La Rioja, u l-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia (Comunidad Valenciana)), EE, F (Korsika), IRL (bl-eċċezzjoni tal-belt ta' Galway), I (Abruzzo, Apulia, Basilicata, Calabria, Campania, Emilia-Romagna (il-provinċji ta' Parma u Piacenza), Lazio, Liguria, Lombardija (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Mantua u Sondrio), Marche, Molise, Piemonte, Sardenja, Sqallija, Toskana, Umbria, Valle d'Aosta, Veneto (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Rovigo u Venezja, id-distretti lokali ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano, Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-Nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), LV, LT (ħlief ir-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska u d-distretti lokali ta' Lendava u Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4)), SK (ħlief id-distretti lokali ta' Blahová, Čenkovce, Horné Mýto, Okoč, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda), Hronovce u Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-Kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov)), FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq, il-Gzira ta' Man u ċ-Channel Islands)."

(iv) Fil-punt 21.3, it-test fit-tielet kolonna, żona/i protetta/i, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"E (bl-eċċezzjoni tal-komunitajiet awtonomi ta' Aragon, Castilla la Mancha, Castilla y León, Extremadura, Murcia, Navarra u La Rioja, u l-provinċja ta' Guipuzcoa (il-Pajjiż Bask), il-Comarcas de L'Alt Vinalopó u El Vinalopó Mitjà fil-provinċja ta' Alicante u l-muniċipalitajiet ta' Alborache u Turís fil-provinċja ta' Valencia

(Comunidad Valenciana)), EE, F (Korsika), IRL (bl-eċċezzjoni tal-belt ta' Galway), I (Abruzzo, Apulia, Basilicata, Calabria, Campania, Emilia-Romagna (il-provinċji ta' Parma u Piacenza), Lazio, Liguria, Lombardija (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Mantua u Sondrio), Marche, Molise, Piemonte, Sardenja, Sqallija, Toskana, Umbria, Valle d'Aosta, Veneto (bl-eċċezzjoni tal-provinċji ta' Rovigo u Venezja, id-distretti lokali ta' Barbona, Boara Pisani, Castelbaldo, Masi, Piacenza d'Adige, S. Urbano, Vescovana fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li tinsab fin-Nofsinhar tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), LV, LT (ħlief ir-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska u d-distretti lokali ta' Lendava u Renče-Vogrsko (lejn in-Nofsinhar mill-awtostrada H4)), SK (ħlief id-distretti lokali ta' Blahová, Čenkovce, Horné Mýto, Okoč, Topoľníky u Trhová Hradská (il-Kontea ta' Dunajská Streda), Hronovce u Hronské Kľačany (il-Kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-Kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-Kontea ta' Poltár), Hrhov (il-Kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-Kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-Kontea ta' Trebišov)), FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq, il-Gzira ta' Man u ċ-Channel Islands)."

(v) Fil-punt 24.1, it-test fit-tielet kolonna, żona/i protetta/i, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"IRL, P (Azores, Beira Interior, Beira Litoral, Entre Douro e Minho, Madeira, Ribatejo e Oeste (id-distretti lokali ta' Alcobaça, Alenquer, Bombarral, Cadaval, Caldas da Rainha, Lourinhã, Nazaré, Obidos, Peniche u Torres Vedras) u Trás-os-Montes), FI, S, UK".

(vi) Fil-punt 24.2, it-test fit-tielet kolonna, żona/i protetta/i, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"IRL, P (Azores, Beira Interior, Beira Litoral, Entre Douro e Minho, Madeira, Ribatejo e Oeste (id-distretti lokali ta' Alcobaça, Alenquer, Bombarral, Cadaval, Caldas da Rainha, Lourinhã, Nazaré, Obidos, Peniche u Torres Vedras) u Trás-os-Montes), FI, S, UK".

(vii) Fil-punt 24.3, it-test fit-tielet kolonna, żona/i protetta/i, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"IRL, P (Azores, Beira Interior, Beira Litoral, Entre Douro e Minho, Madeira, Ribatejo e Oeste (id-distretti lokali ta' Alcobaça, Alenquer, Bombarral, Cadaval, Caldas da Rainha, Lourinhã, Nazaré, Obidos, Peniche u Torres Vedras) u Trás-os-Montes), FI, S, UK".

(5) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima II tal-Parti A hija emendata kif ġej:

(i) Il-punt 1.2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1.2. Pjanti maħsuba għat-tħawwil, għajr żrieragħ, tal-*Platanus* L., *Populus* L. u *Beta vulgaris* L."

(ii) Fil-punt 1.10, il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) inkiseb kollu jew parzjalment minn koniferi (*Coniferales*), bl-esklużjoni ta' injam bla qoxra,

Castanea Mill., bl-esklużjoni ta' injam bla qoxra,

Platanus L., inkluż l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ naturali tond tiegħu;

kif ukoll"

(b) Fil-punt (6)(a) tat-Taqsima I tal-Parti B, it-tieni inċiż għandu jinbidel b'dan li ġej:

"— *Platanus* L., inkluż injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, li joriġina mill-Armenja, mill-Isvizzera jew mill-Istati Uniti tal-Amerika,".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ġunju 2014

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/283/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Belġju

(2014/393/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Diċembru 2009, wara li saret rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, fid-Deċiżjoni 2010/283/UE ([1]) li fil-Belġju kien jeżisti defiċit eċċessiv. Il-Kunsill innota li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ppjanat għall-2009 kien ta' 5,9 % tal-PDG, u għalhekk iktar mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, filwaqt li d-dejn pubbliku gross kien ippjanat li jilħaq is-97,6 % tal-PDG fl-2009, u b'hekk iktar mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG skont it-Trattat. Id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-2009 ġew irreveduti sussegwentement għal 5,6 % u 95,7 % tal-PDG rispettivament.

(2) Fit-2 ta' Diċembru 2009, skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 ([2]), il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, bagħat Rakkomandazzjoni lill-Belġju bil-għan li s-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2012. Ir-Rakkomandazzjoni ġiet ippubblikata.

(3) Fil-21 ta' Ġunju 2013, abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 126(8) tat-Trattat, li l-Belġju ma kienx ħa azzjoni effettiva skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu sal-2012, u ddeċieda, skont l-Artikolu 126(9) tat-Trattat, li jibgħat avviż lill-Belġju sabiex itemm is-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2013. Il-Belġju ngħata l-iskadenza tal-15 ta' Settembru biex jirrapporta dwar il-miżuri meħudin sabiex jikkonforma ma' din id-deċiżjoni skont l-Artikolu 5(1a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97. Fil-15 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Belġju kien ħa azzjoni effettiva, u li f'dak il-mument, ma kien meħtieġ l-ebda pass ieħor fl-proċedura tad-defiċit eċċessiv.

(4) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-dejta għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dejta dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern tagħhom kif ukoll dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 ([3]).

(5) Meta jiġi biex jikkunsidra jekk deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandhiex tiġi revokata, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni fuq il-bażi tad-dejta notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha titħassar biss jekk it-tbassir tal-Kummissjoni jindika li d-defiċit ma jkunx se jaqbeż il-livell ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat tul il-perjodu ta' tbassir ([4]).

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/283/UE tat-2 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Belġju (ĠU L 125, 21.5.2010, p. 34).
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).
([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).
([4]) B'konformità ma' "Speċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Linji Gwida dwar il-format u l-kontenut ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konvergenza", tat-3 ta' Settembru 2012. Ara: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/code_of_conduct_en.pdf

(6) Abbażi tad-dejta pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 wara n-notifika mill-Belġju qabel l-1 ta' April 2014, u abbażi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2014 u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Wara li laħaq l-ogħla livell ta' 5,6 % tal-PDG fl-2009, li minnu madwar 0,7 % tal-PDG kien dovut għal fatturi ta' darba, id-defiċit pubbliku tal-Belġju tniżżel għal 2,6 % tal-PDG fl-2013, bi qbil mad-deċiżjoni tal-Kunsill 2013/370/UE ([1]). Dan it-titjib kien dovut għal konsolidament fiskali sinifikanti, kif ukoll għal titjib fil-kundizzjonijiet ċikliċi.

— Il-Programm ta' Stabbiltà għall-perjodu 2014-17, sottomess mill-gvern tal-Belġju fit-30 ta' April 2014, jippjana li d-defiċit jinżel sa 2,15 tal-PDG fl-2014, imbagħad ikompli nieżel sa 1,4 % tal-PDG fl-2015. Abbażi ta' suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika, it-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2014 ibassar defiċit ta' 2,6 % tal-PDG fl-2014, u ta' 2,8 % tal-PDG fl-2015. B'hekk, id-defiċit mistenni li jibqa' taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG matul il-perjodu ta' tbassir.

— Wara li tjieb b'0,7 % tal-PDG fl-2013, il-bilanċ strutturali, jiġifieri aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku, u l-ammont nett ta' miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra, hu mbassar li se jibqa' stabbli fl-2014, u li se jmur lura ftit fl-2015, abbażi ta' suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. F'dak il-kuntest, jidher li hemm qabża emerġenti ta' 0,5 % tal-PDG meta mqabbla mal-aġġustament rikjest tal-bilanċ strutturali lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju (MTO) fl-2014; dan jissuġġerixxi li jeħtieġ li jissaħħu l-miżuri baġitarji sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa mal-parti preventiva tal-patt, fid-dawl tar-riskju emerġenti ta' devjazzjoni mit-triq ta' aġġustament rikjest u ta' ksur tal-livell ta' referenza tad-dejn.

— Il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG tela' b'madwar 5 punti perċentwali bejn 2009 u l-2013, sa 101,5 %, parzjalment minħabba l-kontribut tal-Belġju lejn l-għajnuna finanzjarja lil Stati Membri taż-żona tal-euro. Id-dejn pubbliku mbassar li jibqa' xi ftit jew wisq qrib dan il-livell fl-2014 u l-2015.

(7) Mill-2014, li hija s-sena ta' wara dik li fiha saret il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv il-Belġju huwa soġġett għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u għandu jimxi lejn l-għan fuq terminu medju tiegħu b'pass xieraq, filwaqt li jirrispetta l-livell ta' referenza tal-infiq, u għandu jagħmel progress biżżejjed lejn il-konformità mal-kriterju tad-dejn skont l-Artikolu 2(1a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97.

(8) Skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat, deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi revokata meta, fil-fehma tal-Kunsill, tkun saret korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat.

(9) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fil-Belġju ġie kkoreġut u d-Deċiżjoni 2010/283/UE għalhekk għandha tiġi revokata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minn valutazzjoni globali jsegwi li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Belġju ġiet ikkorreġuta.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2010/283/UE hija b'dan revokata.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/370/UE tal-21 ta' Ġunju 2013 li tavża lill-Belġju biex jieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit li huwa meqjus neċessarju biex jagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 190, 11.7.2013, p. 87).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
G. A. HARDOUVELIS

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Ġunju 2014

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, dwar ir-Regoli ta' Proċedura li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim skont it-Titolu X u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-bordijiet u l-medjaturi, dwar il-Lista ta' Membri tal-Bord u dwar il-Lista ta' Esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

(2014/394/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-23 ta' April 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mal-Amerika Ċentrali. Id-direttivi ta' negozjati ġew emendati fl-10 ta' Marzu 2010 biex jinkludu l-Panama fil-proċess ta' nnegozjar.

(2) In-negozjati ġew konklużi fis-Summit tal-UE — Amerika Latina u l-Karibew f'Madrid f'Mejju 2010.

(3) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra [1], ("il-Ftehim") ġie inizjalat fit-22 ta' Marzu 2011, u ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2012.

(4) Skont l-Artikolu 353(4) tal-Ftehim, il-Ftehim ġie applikat provviżorjament mill-1 ta' Awwissu 2013 man-Nikaragwa, il-Ħonduras u l-Panama, mill-1 ta' Ottubru 2013 ma' El Salvador u l-Kosta Rika u mill-1 ta' Diċembru 2013 mal-Gwatemala.

(5) L-Artikolu 4 tal-Ftehim jistabbilixxi Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li għandu jissorvelja t-twettiq tal-għanijiet tal-Ftehim u jissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu.

(6) L-Artikolu 6 tal-Ftehim jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim.

(7) L-Artikolu 5(2) tal-Ftehim jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu stess.

(8) L-Artikolu 7(3) tal-Ftehim jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

(9) L-Artikolu 8(6) tal-Ftehim jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tas-Sottokumitati.

(10) L-Artikolu 297(2) jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu japprova lista ta' sbatax-il espert b'għarfien espert fil-liġi ambjentali, il-kummerċ internazzjonali jew is-soluzzjoni ta' tilwimiet li jqumu taħt ftehimiet internazzjonali u lista ta' sbatax-il espert b'għarfien espert fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, il-kummerċ internazzjonali jew is-soluzzjoni ta' tilwimiet li jqumu taħt ftehim internazzjonali.

(11) L-Artikolu 325(1) jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi lista ta' sitta u tletin individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Bord fis-sens tat-Titolu X tal-Ftehim dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim.

[1] ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3.

(12) L-Artikolu 328(1) jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta regoli ta' proċedura kif ukoll kodiċi ta' kondotta, li jirregola s-Soluzzjoni ta' Tilwim skont Titolu X tal-Ftehim.

(13) L-Unjoni għandha tiddeċiedi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, ir-Regoli tal-Proċedura li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim skont Titolu X tal-Ftehim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-bordijiet u medjaturi, il-lista ta' membri tal-bord kif ukoll il-lista ta' esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, ir-Regoli tal-Proċedura li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim skont it-Titolu X u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-bordijiet u l-medjaturi, il-Lista ta' Membri tal-Bord kif ukoll il-Lista ta' Esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni annessa ma' din id-Deċiżjoni.

Korrezzjonijiet tekniċi minuri fl-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Assoċjazzjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħhom, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI

ta' … 2014

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tiegħu, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikolu 4, 5(2), 7(3) u 8(6), tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 353(4), il-Parti IV tal-Ftehim dwar kwistjonijiet kummerċjali ilha applikata mill-1 ta' Awwissu 2013 man-Nikaragwa, il-Ħonduras u l-Panama, mill-1 ta' Ottubru 2013 ma' El Salvador u l-Kosta Rika u mill-1 ta' Diċembru 2013 mal-Gwatemala.

(2) Sabiex isir kontribut lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, għandu jiġi stabbilit il-qafas istituzzjonali tiegħu mill-aktar fis possibbli.

(3) Minbarra kif speċifikat mod ieħor f'dan il-Ftehim, hu għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim u biex jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess kif ukoll dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u Sottokumitati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u s-Sottokumitati tiegħu, kif stabbiliti fl-Appendiċi A u B rispettivament, huma b'dan adottati.

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha,

Magħmul fi…, 2014.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Għar-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali

Għall-Parti tal-UE

ANNESS A

Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li huwa stabbilit skont l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu kif previst fl- Artikolu 4(2) tal-Ftehim u jieħu responsabbiltà għall-implimentazzjoni ġenerali tal-Ftehim, kif ukoll kwalunkwe kwistjoni bilaterali, multilaterali jew internazzjonali oħra ta' interess komuni.

2. Kif previst fl-Artikoli 5 u 345 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE u minn rappreżentanti ta' kull waħda mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali, f'livell ministerjali kif xieraq u għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni kwistjonijiet speċifiċi li jridu jiġu indirizzati fi kwalunkwe sessjoni. Fejn adatt u maqbul miż-żewġ partijiet, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern.

3. Skont l-Artikolu 345 tal-Ftehim, meta l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jwettaq esklussivament jew prinċipalment il-kompiti konferiti lilu f'Parti IV tal-Ftehim, għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE u l-Ministri ta' kull waħda mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali b'responsabbiltà għal kwistjonijiet relatati mal-kummerċ.

4. Kif previst fl-Artikolu 352(3) tal-Ftehim, ir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali għandhom jaġixxu kollettivament fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qafas istituzzjonali tal-Ftehim; l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet għandhom jeħtieġu l-kunsens tagħhom.

5. Referenza għall-Partijiet f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura hija skont id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 352 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Presidenza

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jkun ippresjedut b'mod alternat għal perjodi ta' 12-il-xahar mir-Rappreżentant Ġoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u rappreżentant fil-livell ministerjali tal-Parti tal-Amerika Ċentrali. L-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Artikolu 3

Laqgħat

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' regolarment fuq perjodu ta' mhux aktar minn sentejn. Jistgħu jsiru sessjonijiet speċjali tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

2. Kull sessjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzoni għandha tinżamm fejn xieraq u f'data miftiehma mill-Partijiet.

3. Il-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandhom jissejħu b'mod konġunt mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bi qbil mal-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

4. F'każi eċċezzjonali, u jekk jaqblu hekk iż-żewġ Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jistgħu jsiru permezz ta' mezzi teknoloġiċi, bħal vidjokonferenza.

Artikolu 4

Rappreżentanza

1. Il-membri tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistgħu jiġu rrappreżentati f'każ li ma jkunux jistgħu jattendu. Jekk membru jixtieq li jiġi rrappreżentat b'dan il-mod, hu/hi għandu/ha j/tinnotifika lill-President bil-miktub, rigward l-isem tar-rappreżentant tiegħu/tagħha qabel il-laqgħa li fiha se j/tiġi rrappreżentat/a b'dan il-mod.

2. Ir-rappreżentant ta' membru tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jeżerċità d-drittijiet kollha ta' dak il-membru.

Artikolu 5

Delegazzjonijiet

1. Il-membri tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistgħu jkunu akkumpanjati mill-uffiċjali. Qabel kull laqgħa, il-President se jkun informat, permezz tas-Segretarjat, mill-formazzjoni maħsuba tad-delegazzjoni ta' kull Parti.

2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista', bi qbil bejn il-Partijiet, jistieden persuni li mhumiex membri sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi jew sabiex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti partikolari.

Artikolu 6

Segretarjat

Uffiċjal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u uffiċjal tal-Parti tal-Amerika Ċentrali għandhom flimkien iservu bħala Segretarji tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 7

Korrispondenza

1. Korrispondenza indirizzata lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tintbagħat lis-Segretarju jew tal-Parti tal-UE jew tar-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali, li min-naħa tagħhom jgħarrfu lis-Segretarju l-ieħor.

2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza tiġi trażmessa lill-President u, fejn xieraq, imqassma lill-membri l-oħra tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

3. Is-Segretarjat għandu jibgħat il-korrispondenza lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ir-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll lill-ambaxxati tar-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali stabbiliti fi Brussell, il-Belġju, b'kopja, kif applikabbli, lill-ministeri responsabbli għall-affarijiet barranin jew il-ministeri responsabbli għal kwistjonijiet relatati mal-kummerċ.

4. Komunikazzjonijiet mill-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandhom jintbagħtu lid-destinatarji tas-Segretarjat u ċċirkulati, fejn meħtieġ, lill-membri l-oħra tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fl-indirizz indikat fil-paragrafu 3.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni m'għandhomx ikunu pubbliċi.

2. Meta Parti tissottometti lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni l-informazzjoni ddikjarata kunfidenzjali, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni f'konformità mal-proċedura deskritta fl-Artikolu 336(2) tal-Ftehim.

3. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 9

Aġendi għal-laqgħat

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa. Din għandha tintbagħat mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7 mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda provviżorja għandha tinkludi l-punti li fuqhom il-President irċieva talba sabiex jiżdiedu fuq l-aġenda mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa. Madankollu dawn il-punti m'għandhomx jinkitbu fl-aġenda provviżorja jekk ma tkunx intbagħtet id-dokumentazzjoni ta' sostenn għal dawk il-punti lis-Segretarji qabel id-data ta' dispaċċ tal-aġenda.

2. L-aġenda għandha tkun adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt apparti dawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

3. Il-President jista', b'konsultazzjoni mal-Partijiet, iqassar il-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex iqis il-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 10

Minuti

1. Għandu jitħejja abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa b'mod konġunt miż-żewġ Segretarji.

2. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jindikaw fir-rigward ta' kull punt fuq l-aġenda:

(a) id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni;

(b) id-dikjarazzjonijiet li membru tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun talab li jiddaħħlu, u

(c) kwistjonijiet li dwarhom ikun intlaħaq qbil bejn il-partijiet, bħal deċiżjonijiet adottati, id-dikjarazzjonijiet li kien hemm qbil dwarhom u kwalunkwe konklużjoni, fost oħrajn.

3. L-abbozz tal-minuti għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għall-approvazzjoni. Għandhom jiġu approvati fi żmien 45 jum kalendarju wara kull laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Wara l-approvazzjoni, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u miż-żewġ Segretarji. Kopja ċċertifikata għandha tiġi mgħoddija lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7.

Artikolu 11

Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet, li għandhom jiġu ffirmati mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali u mill-Parti tal-UE.

2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu wkoll deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Għal dan l-għan, it-test tal-proposta għandu jitqassam bil-miktub mill-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-membri tiegħu skont l-Artikolu 7, b'limitu ta' żmien ta' mhux anqas minn 21 jum kalendarju li fih il-membri għandhom jgħarrfu r-riżervi jew l-emendi li jixtiequ jagħmlu. Ladarba t-test jiġi miftiehem, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni għandhom jiġu ffirmati b'mod indipendenti u suċċessivament mir-rappreżentanti tal-Parti tal-UE u kull waħda mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali.

3. L-atti tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6 tal-Ftehim. Is-Segretarjat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jagħti numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni meħuda. Kull deċiżjoni għandha tipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u għandha tiġi ffirmata mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali u mill-Parti tal-UE.

4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu ffirmati miż-żewġ Segretarji.

5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu mgħoddija lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7 ta' dawn ir-regoli ta' Proċedura.

6. Kull Parti tista' tiddeċiedi li tordna l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 12

Lingwi

1. Il-lingwi uffiċjali tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandhom ikunu l-Ispanjol u lingwa oħra mil-lingwi awtentiċi tal-Ftehim miftiehma mill-Partijiet.

2. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mfassla f'dawk il-lingwi.

Artikolu 13

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri kwalunkwe spiża li tagħmel bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni.

2. In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

3. Spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' interpretazzjoni fil-laqgħat, u t-traduzzjoni ta' dokumenti għal jew mill-Ispanjol u l-lingwa uffiċjali l-oħra tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. Interpretazzjoni u traduzzjoni għal jew minn lingwi oħra għandhom jitħallsu direttament mill-Parti li tagħmel it-talba.

Artikolu 14

Kumitat ta' Assoċjazzjoni

1. Skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jkun megħjun fil-qadi ta' dmirijietu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE, minn naħa, u rappreżentanti tal-Parti tal-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fuq il-livell iddeterminat b'dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jħejji l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ([1]), jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fejn xieraq u, b'mod ġenerali, jiżgura l-kontinwità tar-relazzjoni ta' assoċjazzjoni u l-funzjonament korrett tal-Ftehim. Għandu jqis kwalunkwe kwistjoni li titressaq quddiemu mingħand il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kif ukoll kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala' fl-andament tat-twettiq ta' kuljum tal-Ftehim. Huwa għandu jippreżenta proposti jew kwalunkwe abbozz ta' deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għal approvazzjoni lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Skont l-Artikolu 7(4) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jagħti s-setgħa lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni li jieħu deċiżjonijiet f'ismu.

3. F'każijiet fejn il-Ftehim jirreferi għal obbligu ta' konsultazzjoni jew possibbiltà ta' konsultazzjoni jew fejn il-Partijiet jiddeċiedu bi ftehim komuni biex jikkonsultaw lil xulxin, din il-konsultazzjoni tista' ssir fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, ħlief fejn speċifikat mod ieħor fil-Ftehim. Il-konsultazzjoni tista' tkompli fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

Artikolu 15

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11.

([1]) Rigward Parti IV tal-Ftehim, din il-funzjoni għandha tiġi osservata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Koordinaturi maħtura skont l-Artikolu 347 tal-Ftehim.

ANNESS B

Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat u Sottokumitati ta' Assoċjazzjoni

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Kumitat tal-Assoċjazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra, ("il-Ftehim") għandu jaqdi d-dmirijiet tiegħu kif provdut fil-Ftehim u jassumi r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ġenerali tal-Ftehim.

2. Kif previst fl-Artikoli 7(1) u 346 tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE u minn rappreżentanti ta' kull waħda mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali, f'livell uffiċjali għoli, li jkollu kompetenza fi kwistjonijiet speċifiċi li jridu jiġu indirizzati fi kwalunkwe sessjoni.

3. Skont l-Artikolu 346 tal-Ftehim, meta l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jwettaq il-kompiti konferiti lilu f'Parti IV tal-Ftehim, għandu jkun kompost minn uffiċjali anzjani tal-Kummissjoni Ewropea u ta' kull waħda mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali li jkollhom responsabbiltà għal kwistjonijiet relatati mal-kummerċ. Rappreżentant tal-Parti li tippresiedi l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha taġixxi bħala president.

4. Kif previst fl-Artikolu 352(3) tal-Ftehim, ir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali għandhom jaġixxu kollettivament fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qafas istituzzjonali tal-Ftehim; l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet għandhom jeħtieġu l-kunsens tagħhom.

5. Referenza għall-Partijiet f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura hija skont id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 352 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Presidenza

Il-Parti tal-UE u l-Parti tal-Amerika Ċentrali għandhom iżommu l-Presidenza tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, alternatament, għal perjodu ta' 12-il xahar. Il-President għandu jkun Membru tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. L-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Artikolu 3

Laqgħat

1. Ħlief fejn ikun miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' b'mod regolari, minn tal-inqas darba fis-sena. Jistgħu jsiru sessjonijiet speċjali tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

2. Kull laqgħa tal-Kumitat tal-Assoċjazzjoni għandha titlaqqa' mill-President fi żmien u f'post li jkun hemm qbil dwaru miż-żewġ Partijiet. Is-sejħa għal-laqgħa għandha tinħareġ lis-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni lill-Membri mhux aktar tard minn 28 jum qabel il-bidu tas-seduta sakemm ma jiftehmux mod ieħor il-Partijiet.

3. Kull meta huwa possibbli, il-laqgħa regolari tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha tissejjaħ fi żmien xieraq qabel il-laqgħa regolari tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

4. F'każi eċċezzjonali, u jekk jaqblu hekk iż-żewġ Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jistgħu jsiru permezz ta' mezzi teknoloġiċi li jkun hemm qbil dwarhom.

Artikolu 4

Rappreżentanza

1. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Partijiet l-oħra l-lista tar-rappreżentanti tagħha fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni ("il-Membri") għad-diversi kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati. Il-lista se tiġi amministrata mis-Segretarju tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

2. Membru li jixtieq jiġi rrappreżentat minn rappreżentant alternattiv għal laqgħa partikolari għandu jinnotifika bil-miktub lill-Partijiet l-oħra tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni bl-isem tar-rappreżentant supplenti tiegħu jew tagħha qabel issir dik il-laqgħa. Ir-rappreżentant sostitut ta' Membru għandu jeżerċita d-drittijiet kollha ta' dak il-Membru.

Artikolu 5

Delegazzjonijiet

Il-Membri tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn uffiċjali oħra. Qabel kull laqgħa, il-Partijiet se jkunu informati, permezz tas-Segretarjat, mill-formazzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet li jattendu kull laqgħa.

Artikolu 6

Segretarjat

Uffiċjal tal-Parti tal-UE u uffiċjal ta' Repubblika tal-Parti tal-Amerika Ċentrali, li għandhom jalternaw skont il-linji gwida stabbiliti għal dak l-għan mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali, għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 7

Korrispondenza

1. Korrispondenza indirizzata lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha tintbagħat lis-Segretarju ta' xi waħda mill-Parti tal-UE jew tar-Repubblika tal-Parti tal-Amerika Ċentrali, li min-naħa tagħhom jgħarrfu lis-Segretarju l-ieħor.

2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni tingħata lill-President tal-Kumitat u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq bħala dokumenti msemmija fl-Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

3. Il-korrispondenza mill-President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarjat u fejn xieraq tiġi ċċirkolata bħala dokumenti msemmija fl-Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Artikolu 8

Dokumenti

1. Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jkunu bbażati fuq dokumenti ta' sostenn bil-miktub, it-tali dokumenti għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati mis-Segretarjat tal-Membri.

2. Kull Segretarju għandu jkun responsabbli għaċ-ċirkulazzjoni tad-dokumenti lill-Membri adatti fin-naħa tiegħu jew tagħha fil-Kumitat tal-Assoċjazzjoni u sistematikament għall-ikkupjar lis-Segretarju l-ieħor.

Artikolu 9

Kunfidenzjalità

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni m'għandhomx ikunu pubbliċi.

2. Meta Parti tissottometti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, lis-Sottokumitati, lill-Gruppi ta' Ħidma jew kwalunkwe korpi oħra, l-informazzjoni ddikjarata bħala kunfidenzjali, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni f'konformità mal-proċedura deskritta fl-Artikolu 336(2) tal-Ftehim.

3. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 10

Aġendi għal-Laqgħat

1. Għandha titfassal aġenda provviżorja għal kull laqgħa mis-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni abbażi tal-proposti li jsiru mill-Partijiet. Din għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u l-Membri tiegħu mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa bħala dokumenti msemmija fl- Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

2. L-aġenda provviżorja għandha tinkludi dawk il-punti li s-Segretarju tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jkun irċieva talba dwarhom minghand Parti biex jiddaħħlu fl-aġenda, flimkien mad-dokumenti rilevanti, mhux aktar tard minn 21-il jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa.

3. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti oħra li ma jkunux fuq l-aġenda provviżorja jistgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. Il-President tas-sessjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, bi ftehim mal-Partijiet, jista' jistieden osservaturi jew esperti fuq bażi ad-hoc biex jattendu l-laqgħat tiegħu biex jipprovdu l-informazzjoni fuq suġġetti speċifiċi.

5. Il-President tas-sessjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista', bi qbil mal-Partijiet, iqassar il-perjodi ta' żmien speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 sabiex jittieħed kont tar-rekwiżiti ta' xi każ partikolari.

Artikolu 11

Minuti

1. Iż-żewġ Segretarji għandhom jiktbu b'mod konġunt abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa, normalment fi żmien 21 jum kalendarju minn mindu tispiċċa l-laqgħa.

2. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jindikaw fir-rigward ta' kull punt fuq l-aġenda:

(a) id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni;

(b) id-dikjarazzjonijiet li Membru tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun talab li jiddaħħlu; u

(c) kwistjonijiet li dwarhom ikun intlaħaq qbil bejn il-Partijiet, bħal deċiżjonijiet adottati, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u d-dikjarazzjonijiet li kien hemm qbil dwarhom u kwalunkwe konklużjonijiet fuq punti speċifiċi, fost oħrajn.

3. Il-minuti għandhom jinkludu wkoll lista tal-Membri jew tar-rappreżentanti sostitut tagħhom li jkunu ħadu sehem fil-laqgħa, lista tal-Membri tad-delegazzjonijiet li jakkumpanjawhom u lista ta' kull osservatur jew espert li jattendi l-laqgħa.

4. Il-minuti għandhom jiġu approvati bil-miktub mill-Partijiet kollha fi żmien 28 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa. Wara l-approvazzjoni, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u miż-żewġ Segretarji tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Kopja ċċertifikata għandha tiġi mgħoddija lil kull wieħed mill-Partijiet.

5. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta pjan ta' azzjoni li jirrifletti l-azzjonijiet miftiehma matul il-laqgħa u l-implimentazzjoni tiegħu għandha tiġi riveduta fil-laqgħa segwenti.

Artikolu 12

Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

1. Fil-każijiet speċifiċi fejn il-Ftehim jagħti s-setgħa li jittieħdu deċiżjonijiet jew fejn tali setgħa kienet iddelegata lilu mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet, li għandhom jiġu ffirmati mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali u mill-Parti tal-UE fil-laqgħat tiegħu.

2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk. Għal dan l-għan, it-test tal-proposta għandu jitqassam bil-miktub mill-President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni lill-Membri tiegħu skont l-Artikolu 8, b'limitu ta' żmien ta' mhux anqas minn 21 jum kalendarju li fih il-Membri għandhom jgħarrfu r-riżervi jew l-emendi li jixtiequ jagħmlu. Ladarba t-test jiġi miftiehem, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni għandhom jiġu ffirmati b'mod indipendenti u suċċessivament mir-rappreżentanti tal-Parti tal-UE u kull waħda mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali.

3. L-atti tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni". Is-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jagħti numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni meħuda. Kull deċiżjoni għandha tipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u għandha tiġi ffirmata mir-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali u mill-Parti tal-UE.

Artikolu 13

Rapporti

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jirrapporta lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu u Sottokumitati tiegħu, il-Gruppi ta' Ħidma u korpi oħra f'kull laqgħa regolari tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 14

Lingwi

1. Il-lingwi uffiċjali tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandhom ikunu l-Ispanjol u lingwa oħra mil-lingwi awtentiċi tal-Ftehim miftiehma mill-Partijiet.

2. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mfassla f'dawk il-lingwi.

Artikolu 15

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri kwalunkwe spiża li tagħmel bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni.

2. In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

3. Spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' interpretazzjoni fil-laqgħat, u t-traduzzjoni ta' dokumenti għal jew mill-Ispanjol u l-lingwa uffiċjali l-oħra tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. Interpretazzjoni u traduzzjoni għal jew minn lingwi oħra għandhom jitħallsu direttament mill-Parti li tagħmel it-talba.

Artikolu 16

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12.

Artikolu 17

Sottokumitati u Gruppi ta' Ħidma speċjalizzati

1. Skont l-Artikolu 8(2) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jwaqqaf Sotto-kumitati jew Gruppi ta' Ħidma speċjalizzati minbarra dawk li hemm ipprovduti fil-Ftehim sabiex jgħinuh fit-twettiq ta' dmirijietu. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jtemm tali Sottokumitat jew Grupp ta' Ħidma, jew li jiddefinixxi jew jemenda t-termini ta' referenza tagħhom. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, dawn is-sottokumitati għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li lilu għandhom jirrappurtaw wara kull waħda mil-laqgħat tagħhom.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Ftehim jew miftiehem fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, ir-regoli preżenti ta' proċeduri għandhom jiġu applikati mutatis mutandis għal kwalunkwe Sottokumitat jew Grupp ta' Ħidma speċjalizzati, bl-adattamenti li ġejjin:

(a) kull Parti għandha tinnotifika bil-miktub lill-Partijiet l-oħra l-lista tal-parteċipanti tagħha f'dawn il-korpi u l-funzjonijiet rispettivi tagħhom. Is-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jamministra dawn il-listi.

(b) il-korrispondenza rilevanti kollha, id-dokumenti u l-komunikazzjonijiet bejn il-punti ta' kuntatt għandhom jintbagħtu wkoll lis-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fl-istess ħin.

(c) sakemm mhux provdut mod ieħor fil-Ftehim jew miftiehem mill-Partijiet, is-Sottokumitati jew il-Gruppi ta' Ħidma għandhom biss ikollhom is-setgħa li jagħmlu rakkomandazzjonijiet.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU 2/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI

ta' … 2014

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim skont Titolu X u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-bordijiet u l-medjaturi

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1), 319, 325 u 328, tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1), il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet imsemmija f'dan il-Ftehim.

(2) Skont l-Artikolu 328(1), matul l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta regoli ta' proċedura kif ukoll kodiċi ta' kondotta, li jirregolaw is-soluzzjoni ta' tilwim skont Titolu X tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

Ir-Regoli tal-Proċedura li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim skont Titolu X tal-Ftehim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-bordijiet u l-medjaturi, kif stabbilit fl-Annessi A u B rispettivament, huma b'dan adottati.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, ….

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
Għar-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali
Għall-Parti tal-UE

ANNESS A

Regoli ta' Proċedura li jirregolaw il-proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim skont Titolu X tal-Ftehim

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Kull referenza magħmula f'dawn ir-Regoli għal Artikolu jew Titolu hija referenza għal jew l-Artikolu adattat fil-Ftehim, jew it-Titolu X dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-Ftehim fl-intier tiegħu.

2. Għall-finijiet tat-Titolu u skont dawn ir-Regoli, it-termini li ġejjin għandhom jinftiehmu bħala:

   (a) "kunsillier": persuna miżmuma jew maħtura minn Parti biex tagħti pariri jew tassisti lil dik il-Parti b'konnessjoni mal-proċedimenti tal-Bord;

   (b) "Ftehim": il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra;

   (c) "assistent": persuna li, taħt it-termini ta' ħatra ta' membru tal-bord, jew il-bord, iwettaq riċerka jew jipprovdi għajnuna lill-membru tal-bord jew lill-bord, għall-fini ta' tilwim;

   (d) "Parti kwerelant": Parti li titlob it-twaqqif ta' Bord taħt l-Artikolu 311, li jista' jkun kompost minn Repubblika waħda jew aktar tal-Parti tal-Amerika Ċentrali;

   (e) "jum": jum kalendarju;

   (f) "il-Partijiet litiganti": il-Parti li qed tqajjem it-tilwima u l-Parti li t-tilwima tkun tressqet kontriha;

   (g) "il-Parti litiganti": il-Parti li qed tqajjem it-tilwima jew il-Parti li t-tilwima tkun tressqet kontriha;

   (h) "btala legali": is-Sibtijiet u l-Ħdud, kif ukoll kull jum ieħor uffiċjalment stabbilit minn Parti bħala vaganza legali ([1]);

   (i) "Bord": Bord stabbilit taħt l-Artikolu 132;

   (j) "membru ta' bord": membru ta' Bord stabbilit taħt l-Artikolu 312;

   (k) "Parti konvenuta": kull Parti li allegatament tkun qed tikser id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 309, li tista' tkun magħmula minn Repubblika waħda jew aktar tal-Parti tal-Amerika Ċentrali;

   (l) "rappreżentant ta' Parti": impjegat jew kull persuna maħtura minn dipartiment tal-gvern jew aġenzija jew kull entità pubblika oħra ta' Parti.

3. Il-Parti konvenuta għandha tkun inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, b'mod partikolari l-organizzazzjoni tas-smigħ tal-każ, sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor. Madankollu, il-partijiet litiganti għandhom jaqsmu l-ispejjeż li jirriżultaw minn kwistjonijiet organizzattivi, inklużi l-ispejjeż tal-membri tal-bord kif ukoll traduzzjoni relatata.

SOTTOMISSJONI TA' DOKUMENTI, NOTIFIKI U KOMUNIKAZZJONIJIET OĦRA

4. Il-Partijiet litiganti u l-Bord għandhom jibagħtu kull talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew kull dokument ieħor b'kunsinna b'irċevuta, posta reġistrata, courier, faks, telex, telegramma, e-Mail, links tal-Internet jew kwalunkwe mezz ieħor ta' telekomunikazzjoni li jipprovdi evidenza li dawn ikunu ntbagħtu. Fir-rigward tal-Parti li tippreżenta d-dokument, id-data tal-konsenja għandha tkun id-data indikata fir-reġistru tad-dispaċċ. Fir-rigward tal-Parti li tirċievi d-dokument, id-data tal-konsenja għandha tkun id-data indikata fir-reġistru tal-wasla tad-dokument. Il-ħin li jgħaddi bejn id-data ta' twassil tad-dokument u l-wasla effettiva tiegħu m'għandhiex titqies fil-kalkolu ta' perjodi ta' żmien proċedurali. ([2])

5. Parti litiganti għandha tipprovdi simultanjament kopja ta' kull sottomissjoni bil-miktub lill-Parti litiganti l-oħra fl-uffiċċju indikat fir-Regola 67 u lil kull wieħed mill-membri tal-Bord. Għandha tiġi pprovduta wkoll kopja tad-dokument f'format elettroniku. Bl-istess mod, il-Partijiet litiganti u l-Bord fejn indikat fit-Titolu għandhom jipprovdu kopja tas-sottomissjonijiet lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

([1]) Dawn jinkludu vaganzi permanenti, inkluż iżda mhux limitati għal vaganzi reliġjużi jew storiċi, kif ukoll kwalunkwe festi oħra stabbiliti fuq bażi mhux permanenti.

([2]) Nota għan-Negozjaturi: L-Amerika Ċentrali se tirrifletti aktar dwar regola ta' sostituzzjoni għal sitwazzjonijiet fejn l-ebda reġistri għal dak li jintbagħat jew li jiġi irċevut ma jeżistu iżda jkunu meħtieġa.

6. In-notifiki kollha magħmula mill-Bord għandhom ikunu indirizzati lejn l-uffiċċji rilevanti tal-Partijiet fil-proċedura.

7. Żbalji żgħar ta' natura klerikali li jsiru fi kwalunkwe talba, notifika, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor relatat mal-proċeduri tal-Bord jistgħu jitrangaw permezz tal-kunsinna ta' dokument ġdid li jindika l-bidliet b'mod ċar.

8. Jekk l-aħħar jum għall-kunsinna ta' dokument jaħbat jum ta' vaganza tal-Qrati ta' Parti sehem fil-proċedura, jew jekk l-uffiċċju rilevanti huwa magħluq f'dak il-jum minħabba force majeure, id-dokument jista' jkun ikkunsinnat fil-jum tan-negozju li jkun imiss għal dik il-Parti.

BIDU TA' PROĊEDURA TAL-BORD

9. Ladarba membru tal-Bord jiġi maħtur skont l-Artikolu 312, il-membru maħtur għandu jkollu 10 ijiem biex jaċċetta din il-ħatra. L-aċċettazzjoni tal-membru għandu jkollha magħha Dikjarazzjoni Inizjali stabbilita fil-Kodiċi ta' Kondotta.

10. Sakemm il-Partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor, individwi li aġixxew fil-kapaċità ta' medjatur jew kwalunkwe funzjoni oħra ta' soluzzjoni ta' tilwim ma jistgħux iservu bħala membri tal-bord f'tilwim sussegwenti dwar l-istess suġġett.

11. Sakemm il-Partijiet litiganti jaqblu mod ieħor, dawn għandhom jikkomunikaw ma' jew jiltaqgħu mal-Bord fi żmien 7 ijiem mill-istabbiliment tiegħu skont l-Artikolu 312(6) sabiex ikunu determinati tali materji li l-Partijiet litiganti jew il-Bord iqisu xierqa, li jinkludu iżda mhux limitati għal rimunerazzjoni u l-ispejjeż li għandhom jitħallsu lill-membri tal-Bord u individwi oħra kif stabbilit skont ir-Regoli 63, 64 u 65.

SOTTOMISSJONIJIET INIZJALI

12. Il-Parti li tressaq l-ilment għandha tagħti s-sottomissjoni inizjali tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 20 jum wara t-twaqqif tal-Bord. Il-Parti li fil-konfront tagħha jsir l-ilment għandha tagħti l-kontrosottomissjoni tagħha bil-mitkub mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tat-twassil tas-sottomissjoni bil-miktub inizjali.

ĦIDMA TAL-BORDIJIET

13. Il-Bord għandu jistabbilixxi skeda ta' ħidma tiegħu li tippermetti l-Partijiet litiganti żmien adegwat li jikkonformaw mal-passi kollha tal-proċedimenti. L-iskeda ta' ħidma għandha tistabbilixxi dati preċiżi u perjodi ta' żmien għas-sottomissjoni tal-komunikazzjonijiet rilevanti kollha, is-sottomissjonijiet u dokumenti oħra kif ukoll għal kwalunkwe seduti tal-Bord. Il-Bord jista' jimmodifika, soġġett għar-Regola 19, l-iskeda ta' xogħol b'inizjattiva tiegħu stess jew wara konsultazzjoni mal-Partijiet, u fi kwalunkwe każ għandu minnufih jinnotifika lill-partijiet litiganti b'kull modifika fl-iskeda ta' ħidma.

14. Il-president tal-Bord għandu jippresjedi fil-laqgħat kollha tiegħu. Bord jista' jiddelega l-awtorità lill-president biex jieħu deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali.

15. Il-Bord jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mezz, inkuż bit-telefown, trażmissjonijiet bil-faks, posta rreġistrata, kurjer, telex, telegramma, e-Mail, vidjokonferenza jew links tal-Internet, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-Parti IV tal-Ftehim jew x'imkien ieħor. Meta jiddeċiedi liema mezzi juża, il-Bord għandu jiżgura li l-mezzi ma jnaqqsux id-dritt ta' Parti milli tipparteċipa bis-sħiħ u b'mod effettiv fil-proċeduri.

16. Membri tal-bord biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-Bord. Madankollu, il-Bord jista' jippermetti lill-assistenti tiegħu, interpreti jew tradutturi biex ikunu preżenti waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu.

17. L-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni proċedurali, inkluż id-deċiżjoni tal-Bord dwar is-suġġett, għandha tibqa' r-responsabbiltà esklużiva tal-Bord u ma tistax tiġi delegata.

18. Meta tqum xi kwistjoni proċedurali li mhix koperta mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu jew f'dawn ir-Regoli, Bord jista' jadotta għal dik it-tilwima partikolari kwalunkwe proċedura xierqa kompatibbli ma' dawk id-dispożizzjonijiet

19. Meta l-Bord iqis li hemm il-ħtieġa li jimmodifika xi limitu taż-żmien applikabbli fil-proċedimenti jew li jagħmel kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor, huwa għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet litiganti bir-raġunijiet għall-bidla jew l-aġġustament u bil-perjodu jew aġġustament meħtieġ. Il-perjodi ta' żmien tal-Artikolu 317(3) m'għandhomx jiġu modifikati, sakemm ma jkunux japplikaw ċirkostanzi straordinarji.

SOSTITUZZJONI

20. Jekk membru ta' bord ma jkunx jista' jipparteċipa fil-proċediment, jirtira ruħu jew ikollu jinbidel, għandu jintgħażel sostitut b'konformità mal-Artikolu 312.

21. Fejn waħda mill-partijiet litiganti jidhrilha li membru tal-bord qiegħed jikser il-Kodiċi ta' Kondotta jew ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl- Artikolu 325, u għaldaqstant għandu jiġi sostitwit, din il-Parti tista' titlob it-tneħħija tal-membru tal-bord billi tinnotifika lill-parti litiganti l-oħra bil-miktub fi żmien 10 ijiem minn meta tkun saret taf biċ-ċirkustanzi li bihom ikun qed jikser il-Kodiċi ta' Kondotta l-membru tal-bord.

22. Fejn Parti litiganti tqis li membru apparti l-president qed jikser il-Kodiċi tal-Kondotta, il-Partijiet litiganti għandhom, fi żmien 10 ijiem, jikkonsultaw u, jekk jaqblu dwar dan, jissostitwixxu l-membru tal-bord u jagħżlu sostitut skont l-Artikolu 312.

Jekk il-Partijiet litiganti jonqsu milli jaqblu dwar il-bżonn li jinbidel membru tal-bord, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lill-president tal-Bord, u d-deċiżjoni tiegħu tkun waħda finali.

Jekk il-president jikkonkludi li membru tal-bord ikun qed jikser il-Kodiċi ta' Kondotta, għandu jintgħażel sostitut. L-għażla tas-sostitut għandha titwettaq b'mod konformi mal-paragrafu rilevanti tal-Artikolu 312, li abbażi tiegħu membru tal-bord li se jiġi sostitwit kien inizjalment magħżul. Għażla assenti ta' sostituzzjoni b'mod konformi mal-paragrafu rilevanti tal- Artikolu 312 fi żmien 10 ijiem mill-komunikazzjoni tal-president lill-partijiet rigward ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta minn membru tal-bord, il-President għandu jagħżel membru ġdid. Din l-għażla għandha ssir fi żmien 5 ijiem u għandha tkun ikkomunikata mill-ewwel lill-Partijiet litiganti.

23. Fejn Parti litiganti tqis li l-president tal-Bord qed jikser il-Kodiċi tal-Kondotta, il-Partijiet litiganti għandhom, fi żmien 10 ijiem, jikkonsultaw u, jekk jaqblu dwar dan, jissostitwixxu l-president u jagħżlu sostitut skont l-Artikolu 312.

Jekk il-Partijiet litiganti jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jibdlu l-president, kwalunkwe Parti litiganti tista' titlob li tali kwistjoni tkun irriferuta lil wieħed mill-individwi magħżula sabiex jaġixxu bħala presidenti taħt l-Artikolu 325(1) tat-Titolu. Ismu jew isimha għandu jittella' bix-xorti, mhux aktar tard minn 5 ijiem mid-data tat-talba, fil-preżenza tal-partijiet jekk jagħżlu hekk, mill-President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jew mid-delegat tal-president. Id-deċiżjoni dwar il-ħtieġa li jinbidel il-president għandha tkun waħda finali.

Jekk din il-persuna tikkonkludi li l-president oriġinali kiser il-Kodiċi tal-Kondotta, hija għandha tagħżel president ġdid bix-xorti minn fost dawk li jkun għad fadal fost il-ġabra ta' individwi msemmija fl-Artikolu 325(1) ta' dan it-Titolu. Din l-għażla għandha ssir fil-preżenza tal-Partijiet litiganti jekk jagħżlu hekk u għandha ssir fi żmien 5 ijiem mid-data tal-lott imsemmija fil-paragrafu ta' qabel.

24. Kwalunkwe membru maħsub li jinsab fi ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta jista' wkoll jirriżenja, mingħajr ma din ir-riżenja timplika l-aċċettazzjoni tal-validità tar-raġunijiet li ffurmaw il-bażi ta' talba ta' sostituzzjoni.

25. Mal-ħatra ta' sostituzzjoni, il-bord għandu jiddeċiedi b'diskrezzjoni kompletament tiegħu, jekk is-seduti kollha jew parti minnhom għandhomx jiġu ripetuti.

26. Il-proċedimenti tal-Bord għandhom jiġu sospiżi matul il-perjodu ta' żmien li jittieħed sabiex jitwettqu l-proċeduri previsti fir-Regoli 20, 21, 22, 23 u 24.

SEDUTI

27. Il-president għandu jistabbilixxi data, post u ħin tas-seduta f'konsultazzjoni [1] mal-Partijiet litiganti u l-membri l-oħra tal-Bord, u għandu jikkonferma dan bil-miktub lill-Partijiet litiganti. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament ukoll mill-Parti litiganti inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti meta s-seduta tkun miftuħa għall-pubbliku. Sakemm ma jkunx hemm Parti litiganti li ma taqbilx, il-Bord jista' jiddeċiedi li ma jlaqqax is-seduta.

28. Sakemm il-Partijiet litiganti jaqblu mod ieħor, is-seduta għandha ssir fi Brussell jekk il-Parti li dwarha jkun sar l-ilment tkun l-Unjoni Ewropea jew il-kapitali tal-Amerika Ċentrali rilevanti jekk il-Parti li dwarha jkun sar l-ilment tkun Repubblika tal-Parti tal-Amerika Ċentrali.

[1] Ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet imsemmija f'din ir-regola, m'għandux ikun vinkolanti fuq il-Bord.

29. Il-Bord jista' jitlob li jkun hemm aktar minn seduta waħda jekk il-Partijiet litiganti jaqblu dwar dan.

30. Il-membri tal-bord kollha għandhom ikunu preżenti mill-bidu sat-tmiem ta' kull seduta sabiex tkun żgurata soluzzjoni effettiva tat-tilwim u l-validità tal-azzjonijiet, deċiżjonijiet u sentenzi tal-bord.

31. Il-persuni li ġejjin jistgħu jattendu għas-seduta, irrispettivament minn jekk is-seduta hijiex magħluqa għall-pubbliku jew le:

    (a) rappreżentanti tal-Partijiet litiganti;

    (b) konsulenti tal-Partijiet litiganti;

    (c) il-persunal amministrattiv, l-interpreti, it-tradutturi u r-relaturi tal-qorti; u

    (d) assistenti tal-membri tal-bord.

    Ir-rappreżentanti u l-konsulenti tal-Partijiet litiganti biss jistgħu jindirizzaw lill-Bord.

32. Mhux aktar tard minn 5 ijiem qabel id-data ta' seduta, kull Parti litiganti għandha tagħti lill-Bord lista tal-ismijiet tal-persuni li jkunu se jitkellmu fis-seduta f'isem dik il-Parti u ta' rappreżentanti jew konsulenti oħra li jkunu se jattendu s-seduta. Il-Partijiet litiganti m'għandhomx jinkludu fid-delegazzjonijiet tagħhom, persuni li direttament jew indirettament ikollhom interess finanzjarju jew personali fil-kwistjoni. Il-Partijiet litiganti jistgħu joġġezzjonaw għall-preżenza ta' kwalunkwe persuni msemmija hawn fuq, filwaqt li jingħataw ir-raġunijiet għal oġġezzjoni msemmija. Il-kwistjoni tal-oġġezzjoni għandha tiġi deċiża mill-Bord fil-bidu ta' kull seduta.

33. Is-seduti tal-bordijiet għandhom ikunu miftuħin għall-pubbliku, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux li s-seduta għandha tkun parzjalment jew kompletament magħluqa għall-pubbliku. Madankollu, il-Bord għandu jiltaqa' f'seduta magħluqa meta s-sottomissjoni u l-argumenti ta' xi Parti litiganti jkun fiha informazzjoni kunfidenzjali, li tinkludi iżda mhux limitata għal informazzjoni kummerċjali.

34. Il-Bord għandu jmexxi s-seduta b'dan il-mod, filwaqt li jiżgura li l-Parti li qed tressaq l-ilment u l-Parti li qed isir l-ilment kontriha jingħataw l-istess ħin:

    L-Argument

    (a) l-argument tal-Parti li tressaq l-ilment

    (b) l-argument tal-Parti li sar l-ilment dwarha

    Il-Kontroargument

    (a) kontroargument

    (b) oppożizzjoni

35. Il-Bord jista' jindirizza direttament mistoqsijiet liż-żewġ Partijiet litiganti fi kwalunkwe ħin matul is-seduta.

36. Il-Bord għandu jagħmel arranġamenti għal traskrizzjoni ta' kull seduta ippreparata u kkomunikata minnufih lill-Partijiet litiganti.

37. Kull Parti litiganti tista' tagħti sottomissjoni supplimentari bil-miktub rigward kwalunkwe kwistjoni li tkun qamet matul is-seduta fi żmien 10 ijiem mid-data tas-seduta finali.

MISTOQSIJIET BIL-MIKTUB

38. Il-Bord jista' fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti jindirizza mistoqsijiet bil-miktub lil wieħed mill-Partijiet jew lit-tnejn li huma. Kull waħda mill-Partijiet litiganti għandha tirċievi kopja ta' kwalunkwe mistoqsijiet mill-Bord.

39. Parti litiganti għandha fl-istess waqt tipprovdi kopja tat-tweġiba tagħha bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-Bord lill-Parti litiganti l-oħra. Kull Parti litiganti għandha tingħata l-opportunità li tipprovdi l-kummenti tagħha bil-miktub għat-tweġibiet mogħtija mill-Parti litiganti l-oħra sa ħamest ijiem mill-kunsinna.

EVIDENZA

40. Il-Partijiet litiganti għandhom, kemm jista' jkun, jippreżentaw evidenza fis-sottomissjoni bil-miktub inizjali u kontra sottomissjoni bil-miktub b'appoġġ għall-argumenti li saru fiha. Il-Partijiet litiganti jistgħu wkoll jissottomettu evidenza addizzjonali biex jappoġġjaw, l-argumenti mressqa f'sottomissjonijiet ta' kontroargument u ta' oppożizzjoni. Eċċezzjonalment, il-partijiet litiganti jistgħu jissottomettu evidenza addizzjonali fejn tali evidenza ssir disponibbli biss jew tiġi għall-attenzjoni ta' Partijiet litiganti wara l-iskambju ta' sottomissjonijiet bil-miktub jew fejn il-Bord iqis tali evidenza pertinenti u jipprovdi lill-Parti litiganti l-oħra bl-opportunità biex tikkummenta dwar dan.

KUNFIDENZJALITÀ

41. Il-Partijiet litiganti u l-konsulenti tagħhom għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-seduta tal-Bord meta s-seduta issir kompletament jew parzjalment f'sessjonijiet fil-magħluq, b'konformità mar-Regola 33. Kull Parti litiganti u l-konsulenti tagħha għandhom iqisu bħala kunfidenzjali kull informazzjoni mressqa mill-Parti litiganti l-oħra lill-Bord li dik il-Parti litiganti tkun iddefiniet bħala kunfidenzjali. Meta Parti litiganti tissottometti verżjoni kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet bil-miktub lill-Bord, trid ukoll, fuq talba tal-Parti litiganti l-oħra, tipprovdi sommarju mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni misjuba fis-sottomissjonijiet li jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, mhux aktar tard minn 15-il ġurnata wara li tkun saret it-talba jew is-sottomissjoni, liema minnhom tkun l-aktar tard. Xejn f'dawn ir-Regoli ma jżomm lil xi Parti milli tiżvela lill-pubbliku stqarrijiet dwar il-pożizzjonijiet tagħha nfisha sakemm dawn ma jinkludux tagħrif kummerċjali kunfidenzjali.

KUNTATTI EX PARTE

42. Il-Bord m'għandux jikkuntattja jew jiltaqa' ma' Parti litiganti fl-assenza tal-Parti l-oħra.

43. L-ebda membru tal-Bord ma jista' jiddiskuti xi aspett tas-suġġett tal-proċedimenti ma' Parti litiganti waħda jew mażżewġ Partijiet fl-assenza tal-membri l-oħra.

INFORMAZZJONI U PARIRI TEKNIĊI

44. Meta jitlob informazzjoni u pariri teknici skont l-Artikolu 320(2), il-Bord għandu jitlob din l-informazzjoni u pariri teknici fl-aktar mument kmieni possibbli fiż-żmien u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il jum mid-data ta' smigħ finali, ħlief jekk il-Bord juri li jgħoddu ċirkostanzi eċċezzjonali.

45. Qabel jitlob informazzjoni jew parir tekniku, il-Bord għandu jistabbilixxi u jinnotifika lill-Partijiet litiganti il-proċeduri li se jsegwi sabiex jikseb din l-informazzjoni. Dawn il-proċeduri jinkludu:

(a) opportunità għall-Partijiet litiganti biex jissottomettu lill-Bord osservazzjonijiet bil-miktub dwar kwistjonijiet fattwali li l-esperti, korpi jew sorsi oħra huma mitluba biex jindirizzaw;

(b) l-identifikazzjoni u l-ħatra ta' konsulent jew espert mill-Bord u l-istabbiliment tal-perjodu ta' żmien li fih l-informazzjoni jew parir tekniku għandhom jiġu pprovduti; u

(c) perjodu adegwat ta' ħin għall-Partijiet litiganti biex jipprovdu kummenti dwar l-informazzjoni jew il-parir tekniku ipprovdut mill-espert, korp jew sors ieħor.

46. Il-Bord ma jistax jagħżel bħala konsulent tekniku, individwu b'interessi finanzjarji jew personali fil-kwistjoni tal-proċediment, jew li min iħaddmu, sħab, soċju jew qarib tiegħu għandu interess simili. Fi kwalunkwe każ, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325(2) għandhom japplikaw għall-għażla ta' esperti, korpi jew sorsi oħra.

47. Meta ssir talba għal informazzjoni u pariri teknici skont l-Artikolu 320(2), il-Bord għandu jqis jekk jissospendix perjodi ta' żmien sakemm jirċievi t-tagħrif imsemmi.

OSSERVAZZJONIJIET AMICUS CURIAE

48. Sakemm il-Partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor, il-Bord jista' jirċievi osservazzjonijiet Amicus Curiae minn persuni naturali jew ġuridiċi interessati, stabbiliti fit-territorju tal-Partijiet litiganti, sakemm ikunu ppreżentati fi żmien 10 ijiem mid-data tat-twaqqif tal-Bord.

49. L-osservazzjonijiet għandhom ikunu:

(a) datati u ffirmati mill-persuni interessati jew ir-rappreżentanti tagħhom;

(b) miktuba bil-lingwa jew lingwi magħżula mill-Partijiet litiganti skont ir-Regola 55;

(c) konċiżi u fl-ebda każ ma jaqbzu 15-il paġna ttajpjata, inklużi kwalunkwe annessi; u

(d) direttament rilevanti għal kwistjonijiet fattwali u legali sottomessi għal konsiderazzjoni tal-Bord.

50. L-osservazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni bil-miktub li tindika b'mod ċar:

(a) deskrizzjoni tal-persuni interessati li jippreżentawhom, inklużi l-post ta' inkorporazzjoni u fejn jinsabu, in-natura tal-attivitajiet tagħhom, is-sorsi tagħhom ta' finanzjament u, fejn rilevanti, dokumentazzjoni li tikkorrobora din l-informazzjoni;

(b) jekk il-persuni interessati jkollhomx sehem dirett jew indirett ma' xi waħda mill-partijiet fit-tilwima, kif ukoll jekk huma jkunu rċevew jew jistennew li jirċievu xi għajnuna finanzjarja jew ta' tip ieħor ta' għajnuna minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet fit-tilwima, gvern ieħor, persuna jew organizzazzjoni, b'mod ġenerali jew fil-preparazzjoni tal-osservazzjonijiet; u

(c) sommarju fil-qosor dwar kif l-osservazzjonijiet tal-persuni interessati jikkontribwixxu biex isolvu t-tilwima.

51. L-osservazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-president tal-Bord fil-lingwi stabbiliti fir-Regola 49.

52. Il-Bord m'għandux jikkunsidra osservazzjonijiet Amicus Curiae li ma jikkonformawx mar-regoli ta' hawn fuq.

53. Il-Bord għandu jelenka fid-deċiżjoni dwar is-suġġett l-osservazzjonijiet Amicus Curiae kollha li jkun irċieva u li jkunu konformi mar-regoli ta' hawn fuq. Il-Bord m'għandux ikun obbligat jindirizza, fid-deċiżjoni tiegħu dwar is-suġġett, l-argumenti legali u l-fatti mressqa f'tali sottomissjonijiet. Kwalunkwe sottomissjoni riċevuta mill-Bord skont dawn ir-Regoli għandha tkun ikkomunikata lill-Partijiet litiganti għall-kummenti.

KAŻIJIET URĠENTI

54. Fil-każijiet ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 313(3), il-Bord għandu jaġġusta l-limiti taż-żmien imsemmija f'dawn ir-Regoli kif xieraq.

IL-LINGWA TAL-PROĊEDIMENTI, IT-TRADUZZJONI U L-INTERPRETAZZJONI

55. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 310 u mhux aktar tard mil-laqgħa msemmija fir-Regola 11, il-Partijiet litiganti għandhom jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar lingwa jew lingwi għall-proċedimenti quddiem il-bord, li huma l-Ingliż, jew l-Ispanjol jew it-tnejn.

56. Id-deċiżjonijiet tal-Bord, inkluż id-deċiżjoni tal-Bord dwar is-suġġett, għandhom ikunu abbozzati u nnotifikati bil-lingwa jew lingwi magħżula mill-Partijiet litiganti. L-ispejjeż li jirriżultaw mit-traduzzjoni ta' tali deċiżjoni tal-Bord għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-Partijiet.

57. Kull waħda mill-Partijiet litiganti għandha terfa' l-ispejjeż ta' kull traduzzjoni oħra li jidhrilha li tkun neċessarja.

KALKOLU TA' PERJODI TA' ŻMIEN PROĊEDURALI

58. Meta, f'konformità mat-Titolu, dawn ir-Regoli, jew b'deċiżjoni tal-Bord, kwalunkwe azzjoni, pass proċedurali jew seduta għandhom iseħħu, qabel, fil-jum jew wara data speċifika jew każ, id-data speċifikata jew id-data tal-avvenimment ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-perjodi taż-żmien stipulati fit-Titolu, dawn ir-Regoli jew stabbiliti mill-Bord.

59. Il-perjodi kollha ta' żmien stabbiliti fit-Titolu u f'dawn ir-Regoli, għandhom jiġu kkalkolati mill-ġurnata li tiġi wara talba, notifika, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor ikunu ġew ikkomunikati lill-Parti li tirċievi d-dokument.

60. Iż-żmien li jgħaddi bejn id-data ta' twassil tad-dokument u l-wasla effettiva tiegħu m'għandhiex titqies fil-kalkolu ta' perjodi ta' żmien proċedurali, skont ir-Regola 4.

61. Fejn Parti tirċievi dokument f'data aktar tard mid-data li fiha dan id-dokument huwa rċevut mill-Parti l-oħra, il-perjodu ta' żmien ikkalkulat fuq il-bażi tad-data tal-wasla ta' dak id-dokument għandu jkun ikkalkulat mill-aħħar data tal-wasla ta' dak id-dokument.

62. Fejn perjodu taż-żmien jispiċċa f'jum ta' vaganza legali ta' waħda mill-partijiet fit-tilwima jew taż-żewġ partijiet, tali perjodu għandu jkun estiż sal-ġurnata tax-xogħol ta' wara.

SPEJJEŻ

63. Sakemm ma jiġix stabbilit mill-Bord li japplikaw ċirkostanzi eċċezzjonali, [1] il-ħlas tal-membri tal-Bord, tal-assistenti, l-esperti, korpi jew sorsi oħra maħtura skont l-Artikolu 320, it-trasport tagħhom, l-akkomodazzjoni u spejjeż eliġibbli oħra, kif ukoll tal-ispejjeż amministrattivi ġenerali tal-proċedimenti tal-Bord, għandhom jitħallsu minn ishma ndaqs fost il-Partijiet litiganti, skont it-talba tal-ispiża ppreżentata mill-Bord.

[1] Nota għan-Negozjaturi: In-negozjaturi jaqblu li l-ispejjeż kollha assoċjati mal-Bord u x-xogħol tal-Bord għandhom ikunu koperti b'mod ugwali bejn il-Partijiet litiganti. Il-Partijiet litiganti jaqblu wkoll li meta Parti waħda tkun deliberatament fittxet li tostakola jew inkella tabbuża l-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-Bord jista' jiddeċiedi li din il-parti għandha tkopri sehem ikbar.

64. Il-membri tal-Bord għandhom iżommu dokumentazzjoni dettaljata u kompleta tal-spejjeż rilevanti mġarrba u jipprezentaw talba għall-ispiża lill-uffiċċju magħżul mill-Partijiet skont ir-Regola 67, flimkien ma' dokumenti ta' sostenn, għal skopijiet ta' rimunerazzjoni u ħlas ta' spejjeż. L-istess għandu japplika għal assistenti u individwi li huma maħtura skont l- Artikolu 320 sakemm huwa relatat mar-rwol speċifiku tagħhom ta' assistent ta' membru tal-bord jew tal-Bord jew minn esperti, korpi jew sorsi oħra li jipprovdu tagħrif u pariri tekniċi.

65. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi l-ispejjeż kollha eliġibbli għall-individwi msemmija fil-punt 63, kif ukoll ir-rimunerazzjoni u l-benefiċċji li għandhom jitħallsu, li jkunu skont l-istandards tad-WTO.

66. Ir-regoli preċedenti japplikaw bl-istess mod għal kwalunkwe medjatur taħt il-Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni.

UFFIĊĊJU MAĦTUR FIR-RIGWARD TAL-PROĊEDURI TA' SOLUZZJONI TA' TILWIM U L-MEKKANIŻMU TA' MEDJAZZJONI

67. Kull Parti għandha:

(a) taħtar uffiċċju biex iwettaq il-funzjonijiet speċifikati fil-partijiet rilevanti ta' dawn ir-Regoli; u

(b) tinnotifika lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni bl-uffiċċju maħtur.

68. Kull notifika u twassil ta' dokumenti msemmija fit-Titolu dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim, ir-Regoli ta' Proċedura u fit-Titolu dwar il-Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni għandhom jiġu magħmula minn dan l-uffiċċju.

PROĊEDURI OĦRA

69. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma applikabbli wkoll għal proċeduri stabbiliti skont l-Artikolu 315(3), l-Artikolu 316(2), l- Artikolu 317(3) u l-Artikolu 318(2). Madankollu, il-perjodi ta' żmien stabbiliti f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu aġġustati skont il-perjodi ta' żmien speċjali stipulati għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Bord f'dawk il-proċeduri l-oħra.

KONFORMITÀ MAT-TITOLU U R-REGOLI

70. Il-Partijiet u l-Bord għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tagħhom, il-konsulenti, assistenti u individwi oħrajn li jipparteċipaw f'kull parti ta' proċediment taħt it-Titolu u dawn ir-regoli, jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti kif ukoll ma' kwalunkwe regoli supplementari miftiehma mill-Partijiet jew adottati mill-Bord.

ANNESS B

il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Membri tal-Bord u l-Medjaturi

DEFINIZZJONIJIET

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi tal-Kondotta, it-termini li ġejjin għandhom jinftiehmu bħala:

(a) "il-Ftehim": il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra;

(b) "it-Titolu": Titolu X dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-Ftehim;

(c) "Artikolu": referenza għall-Artikolu adatt tal-Ftehim kollu kemm hu;

(d) "assistent": persuna li, taħt it-termini ta' ħatra ta' membru tal-bord, jew il-bord, iwettaq riċerka jew jipprovdi għajnuna lill-membru tal-bord jew lill-bord, għall-fini ta' tilwim;

(e) "kandidat": individwu li jkun ikkunsidrat għall-għażla bħala membru ta' bord taħt l-Artikolu 310;

(f) "medjatur": persuna li tmexxi proċedura ta' medjazzjoni skont it-Titolu XI dwar Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni għal miżuri mhux tariffarji tal-Ftehim;

(g) "membru" jew "membru tal-bord": membru ta' bord stabbilit taħt l-Artikolu 312;

(h) "proċediment", sakemm mhux speċifikat mod ieħor, ifisser proċediment tal-bord taħt it-Titolu; u

(i) "persunal", fir-rigward ta' membru, persuni li jaqgħu taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-membru, ħlief l-assistenti;

RESPONSABBILTAJIET GĦALL-PROĊESS

2. Kull kandidat u membru għandu jevita kondotta skorretta u l-impressjoni ta' kondotta skorretta, għandu jkun independenti u imparzjali, għandu jevita kunflitti ta' interess diretti jew indiretti u għandu josserva l-oġħla standards ta' kondotta sabiex jinżammu sħaħ l-integrità ta' proċediment tas-soluzzjoni tat-tilwim u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim. Membri preċedenti jridu josservaw l-obbligi stabbiliti fit-taqsimiet dwar l-Obbligi tal-Membri Preċedenti u l-Kunfidenzjalità ta' din il-Kodiċi tal-Kondotta.

OBBLIGI DWAR X'GĦANDU JIĠI ŻVELAT

3. Qabel in-notifika tal-aċċettazzjoni tal-għażla tiegħu bħala membru tal-bord, kandidat għandu jikkunsidra u jekk meħtieġ jiżvela l-eżistenza ta' kwalunkwe interess, relazzjoni jew ċirkostanzi oħra li x'aktarx jaffettwaw l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu jew li jafu b'mod raġonevoli joħolqu impressjoni ta' kondotta mhux xierqa jew ta' preġudizzju fil-proċediment. Għal dan il-għan, kandidat għandu jagħmel l-isforzi kollha raġonevoli biex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjoni u kwistjoni bħal din.

4. Mingħajr ma tiġi limitata l-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, il-kandidati għandhom jiżvelaw b'rieda tajba:

(a) kull interess finanzjarju jew personali:

(i) fil-proċediment jew ir-riżultat tiegħu; u

(ii) fi proċediment ġudizzjarju, amministrattiv jew ta' arbitraġġ li jinvolvi kwistjonijiet li jistgħu jkunu direttament jew indirettament affettwati mill-proċediment li għaliha l-kandidati huma taħt konsiderazzjoni.

(b) kwalunkwe interess finanzjarju lil min iħaddem kandidat, sħab, soċju jew membru tal-familja tiegħu jew tagħha:

(i) fil-proċediment jew ir-riżultat tiegħu; u

(ii) fi proċediment ġudizzjarju, amministrattiv jew ta' arbitraġġ li jinvolvi kwistjonijiet li jistgħu jkunu direttament jew indirettament affettwati mill-proċediment li għaliha l-kandidati huma taħt konsiderazzjoni.

(c) kwalunkwe relazzjoni eżistenti jew tal-passat finanzjarja, kummerċjali, professjonali, familjari, soċjali jew ta' xogħol ma' xi waħda mill-Partijiet jew mar-rappreżentanti tagħhom jew mal-konsulenti tagħhom, jew kwalunkwe tali relazzjoni tal-kandidat, ma' min iħaddem, sieħeb, soċju jew membru tal-familja tiegħu jew tagħha; u

(d) kull ċirkostanza oħra li tista' tirriżulta f'imparzjalità, jew tista' tidher bħala imparzjalità.

5. Għall-iskop ta' konformità mal-paragrafi 3 u 4, il-kandidati kollha li ntagħżlu bħala membri tal-bord u aċċettaw il-ħatra tagħhom, għandhom jimlew id-Dikjarazzjoni Inizjali dwar l-iżvelar. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi trażmessa lill-Partijiet flimkien mal-aċċettazzjoni tal-ħatra tagħhom għall-konsiderazzjoni tagħhom.

6. Meta maħtur, membru għandu jibqa' jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex isir konxju dwar kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan il-Kodiċi tal-Kondotta u għandu jiżvelahom. L-obbligi ta' żvelar huwa dmir permanenti li jitlob li membru jiżvela kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni bħal dawn li jistgħu jitfaċċaw matul kwalunkwe stadju tal-proċediment. Il-membru għandu jiżvela tali interessi, relazzjonijiet jew ċirkostanzi oħra billi jinforma lill-Partijiet bil-miktub u għall-konsiderazzjoni tagħhom, b'kopja lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

7. Membru ta' bord għandu jikkomunika biss affarijiet relatati mal-ksur attwali jew potenzjal ta' ksur ta' din il-Kodiċi tal-Kondotta lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni biex ikunu kkunsidrati mill-Partijiet.

DMIRIJIET TAL-MEMBRI

8. Mal-aċċettazzjoni tal-ħatra tiegħu Membru għandu jwettaq dmirijietu b'mod sħiħ u bla dewmien matul il-proċediment, u b'ġustizzja u diligenza.

9. Membru għandu jikkunsidra u jiddeċiedi biss fuq il-kwistjonijiet li jkunu tqajmu waqt il-proċediment u li jitqiesu neċessarji biex tittieħed deċiżjoni u dan id-dmir m'għandux jiġi delegat lill-ebda persuna oħra.

10. Membru għandu jieħu l-passi kollha xierqa sabiex jiżgura li l-assistent u l-persunal tiegħu jkunu konxji, u jikkonformaw, mas-sezzjonijiet dwar Responsabbiltajiet lejn il-Proċediment, id-Divulgazzjoni tal-Obbligi, l-Indipendenza, Imparzjalità u d-Drittijiet tal-Membri, l-Obbligi tal-Membri Preċedenti u l-Kunfidenzjalità ta' din il-Kodiċi tal-Kondotta.

11. Membru m'għandux jimpenja ruħu f'kuntatti ex parte li jikkonċernaw il-proċediment.

INDIPENDENZA, IMPARZJALITÀ U D-DRITTIJIET TAL-MEMBRI

12. Membru għandu jkun indipendenti u imparzjali u jevita li joħloq dehra ta' kondotta mhux xierqa, parzjalità jew preġudizzju u m'għandux ikun influwenzat minn interess personali jew minn interessi ta' oħrajn, pressjoni esterna, kunsiderazzjonijiet politiċi, fama pubblika, u lealtà lejn xi Parti jew biża' mill-kritika.

13. Membru ma għandux jidħol, direttament jew indirettament, għal obbligi jew jaċċetta kwalunkwe benefiċċju li jista' bi kwalunkwe mod ifixkel, jew jidher li jfixkel, fit-twettiq xieraq ta' dmirijietu.

14. Membru m'għandux/m'għandhiex jinqeda bil-pożizzjoni tiegħu fuq il-bord għall-aġevolament ta' xi interessi personali jew privati u jrid jevita dawk l-azzjonijiet li jagħtu l-impressjoni li oħrajn huma f'pożizzjoni speċjali li jinfluwenzaw il-membru.

15. Membru ma jistax iħalli relazzjonijiet jew responsabilitajiet finanzjarji, tan-negozju, professjonali, familjari jew soċjali jinfluwenzaw il-kondotta jew il-ġudizzju tiegħu.

16. Membru jrid jevita li jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju jew personali li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tiegħu jew li jista', b'mod raġonevoli, joħloq dehra ta' mġiba mhux xierqa jew ta' preġudizzju.

17. L-ebda membru m'għandu jillimita jew iċaħħad lill-membri l-oħra mid-dritt u l-obbligu tagħhom biex jipparteċipaw bis-sħiħ fl-aspetti rilevanti kollha tal-proċediment.

OBBLIGI TA' MEMBRI PREĊEDENTI

18. Il-membri preċedenti kollha għandhom jevitaw azzjonijiet li jistgħu joħolqu d-dehra li kienu ppreġudikati fit-twettiq ta' dmirijiethom jew li bbenefikaw mid-deċiżjonijiet tal-bord.

KUNFIDENZJALITÀ

19. L-ebda membru jew membru preċedenti m'għandu fl-ebda mument jiżvela jew juża informazzjoni mhux pubblika li tikkonċerna proċediment jew akkwistata waqt proċediment ħlief għall-finijiet ta' dak il-proċediment u m'għandu, fl-ebda każ, jiżvela jew juża l-ebda informazzjoni bħal din biex jikseb vantaġġ personali jew vantaġġ għal oħrajn jew biex jaffettwa ħażin l-interessi ta' oħrajn.

20. Membru m'għandux jiżvela deċiżjoni tal-bord dwar is-suġġett jew partijiet minnha qabel ma tiġi ppubblikata f'konformità mat-Titolu.

21. Membru jew membru preċedenti ma għandu fl-ebda mument jiżvela d-deliberazzjonijiet ta' bord, l-opinjoni ta' xi membru, jew kwalunkwe aspett mhux pubbliku ieħor dwar il-proċediment.

MEDJATURI

22. Id-dixxiplini mfissra f'din il-Kodiċi tal-Kondotta kif japplikaw għall-membri jew il-membri preċedenti għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-medjaturi.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 3/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI

ta' … 2014

li tadotta l-Lista ta' Membri tal-Bord

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Artikolu 325 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1), il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet imsemmija f'dan il-Ftehim.

(2) Skont l-Artikolu 325(1), il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi lista ta' sitta u tletin individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord fis-sens tat-Titolu X tal-Ftehim dwar is-soluzzjoni ta' tilwim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

Il-Lista tal-Membri tal-Bord, kif stabbilita fl-Anness, hija b'dan adottata.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, 2014.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,
Għar-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali
Għall-Parti tal-UE

ANNESS

Lista tal-Membri tal-Bord

Membri tal-Bord proposti mill-Kosta Rika

1. Ernesto Fernández Monge

2. Federico Valerio de Ford

Membri tal-Bord proposti minn El Salvador

1. Cesar Ernesto Salazar Grande

2. Harold C. Lantan

Membri tal-Bord proposti mill-Gwatemala

1. Ada Lissette Redondo Aguilera

2. Julio Roberto Bermejo Quiñones

Membri tal-Bord proposti mill-Ħonduras

1. Ulises Mejía León-Gómez

2. Roberto Herrera Cáceres

Membri tal-Bord proposti min-Nikaragwa

1. Mauricio Herdocia

2. José René Orúe

Membri tal-Bord proposti mill-Panama

1. Yavel Francis Lanuza

2. Carlos Ernesto González Ramirez

Membri tal-Bord proposti mill-UE

1. Giorgio Sacerdoti (l-Italja)

2. Ramon Torrent (Spanja)

3. Jacques Bourgeois (il-Belġju)

4. Pieter Jan Kuijper (l-Olanda)

5. Claus-Dieter Ehlermann (il-Ġermanja)

6. Jan Wouters (il-Belġju)

7. Laurence Boisson de Chazournes (Franza)

8. Hélène Ruiz Fabri (Franza)

9. Meinhard Hild (il-Ġermanja)

10. Claudio Dordi (l-Italja)

11. Kim Van der Borght (il-Belġju)

12. Markus Krajewski (il-Ġermanja)

Presidenti

1. Craig Van Graastek (l-Istati Uniti)
2. Miriam Mercedes Maroun Marun (il-Veneżwela)
3. Hugo Perezcano Díaz (il-Messiku)
4. Ignacio Suárez Anzorena (l-Arġentina)
5. Carlos Vejar (il-Messiku)
6. Didier Chambovey (l-Isvizzera)
7. Shotaro Oshima (il-Ġappun)
8. Jenniffer Hilman (l-Istati Uniti)
9. Luiz Olavo Baptista (il-Brażil)
10. Kirsten Kilman (il-Kanada)
11. Juan Antonio Buencamino (il-Filippini)
12. David Unterhalter (l-Afrika t'Isfel)

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 4/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI

ta' … 2014

li tadotta l-Lista ta' Esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 297 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1), il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet imsemmija f'dan il-Ftehim.

(2) Skont l-Artikolu 297(2), il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta lista ta' sbatax-il espert b'għarfien espert fil-liġi ambjentali, il-kummerċ internazzjonali jew is-soluzzjoni ta' tilwimiet li jqumu taħt ftehimiet internazzjonali u lista ta' sbatax-il espert b'għarfien espert fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, il-kummerċ internazzjonali jew is-soluzzjoni ta' tilwimiet li jqumu taħt ftehimiet internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

Il-Lista ta' Esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, kif stabbilita fl-Anness, hija b'dan adottata.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi…, 2014.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
Għar-Repubbliki tal-Parti tal-Amerika Ċentrali
Għall-Parti tal-UE

ANNESS

Lista ta' Esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Esperti fil-liġi tax-xogħol, il-kummerċ internazzjonali jew is-soluzzjoni ta' tilwimiet li jqumu taħt ftehimiet internazzjonali

Lista ta' esperti nazzjonali

1. Marieta Lizano Martínez
2. Alma Carolina Sánchez Fuentes
3. Francisco Khalil de León Barrios
4. Mario Noel Vallejo Larios
5. Javier Guillermo Hernández Munguía
6. Alexis Xavier Rodríguez Almanza
7. Joost Pauwelyn
8. Jorge Cardona
9. Karin Lukas
10. Hélène Ruiz Fabri
11. Laurence Boisson de Chazournes
12. Geert Van Calster

Presidenti (mhux ċittadini tal-Partijiet)

1. Claudia de Windt
2. Juan Carlos Urquidi Fell
3. Elizabeth Jaramillo Escobar
4. Janice Bellace
5. Arthur Appleton

Esperti fil-liġi tax-xogħol, il-kummerċ internazzjonali jew is-soluzzjoni ta' tilwimiet li jqumu taħt ftehimiet internazzjonali

Lista ta' esperti nazzjonali

1. Manuel Francisco Umaña Soto
2. Carolina Morán
3. Mario Fuentes Destarac
4. Arnando Urtecho López
5. Adrián Meza
6. Rolando Murgas Torraza
7. Eddy Laurijssen
8. Jorge Cardona
9. Karin Lukas

10. Hélène Ruiz Fabri

11. Laurence Boisson de Chazournes

12. Geert Van Calster

Presidenti (mhux ċittadini tal-Partijiet)

1. Emilio Morgado Velenzuela

2. Juan Mailhos Gutiérrez

3. Jill Murray

4. Ross Wilson

5. Janice Bellace

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' Ġunju 2014

dwar it-tqegħid fis-suq għall-użu essenzjali ta' prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram

(notifikata bid-dokument C(2014) 4062)

(It-testi bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bil-Latvjan, bil-Malti bl-Olandiż, bil-Pollakk, bit-Taljan u bl-iSvediż biss huma awtentiċi)

(2014/395/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 fuq l-ewwel fażi tal-programm rigward prodotti bijoċidali msemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ([2]) ir-ram ġie notifikat għall-użu, fost oħrajn, fit-prodotti tat-tip 2, 5 u 11, kif definit fl-Anness V tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([3]).

(2) Ma tressaq l-ebda dossier komplut fl-iskadenzi stipulati bħala appoġġ għall-inklużjoni tar-ram fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE. Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/78/UE tad-9 ta' Frar 2012 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([4]) flimkien mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, ir-ram m'għandux jibqa' jitqiegħed fis-suq għall-użu fil-prodott tat-tip 2, 5 jew 11, mill-1 ta' Frar 2013.

(3) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Polonja, Franza, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, id-Danimarka u Malta ressqu applikazzjonijiet separati lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali li fihom ir-ram għal numru ta' użi.

(4) Il-Kummissjoni poġġiet dawn il-listi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mezzi elettroniċi.

(5) Mill-applikazzjonijiet jirriżulta li t-tixrid tal-Leġjonella ġie assoċjat, b'mod partikolari, mal-użu ta' ilma bħall-ilma tax-xorb, l-ilma għall-banju, l-ilma tad-doċċa, u l-ilma f'torrijiet għat-tkessiħ. Barra minn hekk, jirriżulta li l-Leġjonella tista' tkun fatali, speċjalment fi gruppi vulnerabbli bħall-pazjenti tal-isptarjiet. Skont l-applikazzjonijiet, għażla ta' sistema xierqa għal kontroll tal-Leġjonella hija kumplessa u tiddependi minn għadd ta' parametri bħat-tfassil tas-sistema, l-età, il-kumplessità u l-kimika tal-ilma.

([1]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.
([2]) ĠU L 228, 8.9.2000, p. 6.
([3]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
([4]) ĠU L 38, 11.2.2012, p. 48.

(6) Minn xi applikazzjonijiet jirriżulta wkoll li prodotti bijoċidali li fihom ir-ram huma użati biex jipprevjenu t-tkabbir ta' organiżmi fl-ilma użat fil-pixxini, li jistgħu jwasslu għal varjetà wiesgħa ta' infezzjonijiet.

(7) JMinn xi applikazzjonijiet jirriżulta wkoll li l-prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram jintużaw biex jipprevjenu t-tkabbir ta' organiżmi fil-pajp ewlieni għad-dħul tal-ilma għall-pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar kif ukoll istallazzjonijiet oħra marittimi u kostali, fejn dak l-użu huwa essenzjali biex jiġi evitat l-imblukkar tal-pajp tad-dħul ta' ilma użat, fost l-oħrajn, għall-ipproċessar, il-produzzjoni tal-ilma tax-xorb u tal-banju u t-tifi tan-nar, peress li l-imblukkar tal-pajp jista' jkun fatali għas-saħħa u s-sigurtà tal-persunal fl-installazzjoni.

(8) Fl-aħħar nett, minn xi applikazzjonijiet jirriżulta, li prodotti bijoċidali li fihom ir-ram huma użati biex jipprevjenu t-tkabbir ta' organiżmi fil-bastimenti ewlenin għad-dħul tal-ilma, fejn dak l-użu huwa essenzjali biex jiġi evitat l-imblukkar tad-dħul tal-ilma użat fis-sistema kollha tal-pajpijiet u tal-kanali tal-ilma ta' bastiment. Dan jinkludi l-intern tal-pajpijiet kollha, bħas-sistema ta' trażżin tan-nar, li hija vitali għat-tħaddim bla perikolu tal-bastiment.

(9) Matul il-konsultazzjoni pubblika ma wasal l-ebda kumment dwar dawn l-applikazzjonijiet. L-Istati Membri li ppreżentaw l-applikazzjonijiet argumentaw li fit-territorji tagħhom jinħtieġ li jkun hemm firxa adegwata ta' alternattivi tekniċi u ekonomiċi vijabbli disponibbli għall-kontroll tal-leġjonella jew organiżmi oħra li jagħmlu ħsara u, fejn rilevanti, sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-imblukkar tal-pajp ewlieni tad-dħul tal-ilma għall-installazzjonijiet fuq il-baħar, l-istallazzjonijiet marittimi u kostali jew fuq il-bastimenti.

(10) Għalhekk huwa probabbli li jekk ma tingħatax awtorizzazzjoni għal użu għall-kontroll tal-Leġjonella jew organiżmi oħra li jagħmlu ħsara jew, fejn rilevanti, għal prevenzjoni tat-tkabbir ta' organiżmi fil-pajp ewlieni tad-dħul tal-ilma għall-pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar, għall-istallazzjonijiet oħra marittimi u kostali jew fuq il-bastimenti, se jinħoloq riskju serju għas-saħħa pubblika f'dawk l-Istati Membri. Barra minn hekk, jekk jintfew jew jiġu sostitwiti s-sistemi attwali bbażati fuq ir-ram fuq il-bastimenti, l-ispejjeż u l-fattibilità loġistika u prattika f'ħafna każijiet jistgħu jkunu projbittivi. Fil-każ li s-sostituzzjoni tkun fattibbli, din tista' tieħu żmien twil. Għalhekk bħalissa huma meħtieġa d-derogi mitluba għall-użu essenzjali.

(11) Madankollu, sakemm applikazzjoni kompluta għall-approvazzjoni tar-ram għall-użu fil-prodott tat-tip rilevanti ma titressaqx mingħajr dewmien żejjed, l-utenti tal-prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram għandhom jimplimentaw metodi alternattivi ta' kontroll tal-Leġjonella jew ta' prevenzjoni tat-tkabbir tal-oragniżmi. Għalhekk f'dan il-każ, jixraq li jkun meħtieġ li, l-utenti f'dawk l-Istati Membri jkunu infurmati b'mod attiv fi żmien xieraq biex ikunu jistgħu jiżguraw li dawk il-metodi alternattivi jkunu effettivi qabel ma l-prodotti bijoċidali li jkun fihom ir-ram ikollhom jiġu rtirati mis-suq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti bl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Polonja, Franza, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, id-Danimarka u Malta jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali li fihom ir-ram (KE Nru 231-159-6; Nru. CAS 7440-50-8) għall-użi indikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

2. Jekk jitressqu dossiers kompluti għall-approvazzjoni tar-ram għall-prodotti tat-tip rilevanti għal dawn l-użi u jiġu vvalidati bħala kompluti sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014 mill-Istat Membru li jevalwa, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Polonja, Franza, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Latvia, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, id-Danimarka u Malta jistgħu jkomplu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq sal-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 [1] għall-każijiet fejn is-sustanza tiġi jew ma tiġix approvata.

3. F'każijiet oħra għajr dawk ipprovduti fil-paragrafu 2, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Polonja, Franza, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Isvezja, id-Danimarka u Malta jistgħu jkomplu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq sal-31 ta' Diċembru 2017, sakemm dawk l-Istati Membri jiżguraw, mill-1 ta' Jannar 2015, li l-utenti jkunu attivament infurmati dwar il-ħtieġa immedjata li jiġu implimentati metodi alternattivi għall-għanijiet rilevanti.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Finlandja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-UŻI LI L-ISTATI MEMBRI ELENKATI HAWN TAĦT JISTGĦU JAWTORIZZAW, SOĠĠETTI GĦALL-KONFORMITÀ MAL-KUNDIZZJONIJIET TAL-ARTIKOLU 1

		A	B	C
Nru	Stat Membru	Prodott tat-tip 2	Prodott tat-tip 5	Prodott tat-tip 11
1	L-Irlanda	Għall-kontroll tal-Leġjonella f'ilma għall-użu mill-bniedem, bħall-ilma tal-banju u tad-doċċa.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma tax-xorb.	—
2	L-Estonja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
3	L-Italja	Għall-kontroll tal-Leġjonella f'ilma għall-użu mill-bniedem, bħall-ilma tal-banju u tad-doċċa.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma tax-xorb.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma fit-torrijiet tat-tkessiħ. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
4	Il-Polonja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
5	Franza	Għall-kontroll tal-Leġjonella u organiżmi oħra li jagħmlu ħsara fl-ilma għal pixxini privati.	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
6	Il-Belġju	Għall-kontroll tal-Leġjonella f'ilma għall-użu mill-bniedem, bħall-ilma tal-banju u tad-doċċa.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma tax-xorb.	Għall-kontroll tal-Leġjonella fl-ilma fit-torrijiet tat-tkessiħ. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
7	Ir-Renju Unit	Għall-kontroll tal-Leġjonella u organiżmi oħra li jagħmlu ħsara fl-ilma għal pixxini u pixxini tal-annimali.	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi fil-pajpijiet/fil-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar, u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.

		A	B	C
Nru	Stat Membru	Prodott tat-tip 2	Prodott tat-tip 5	Prodott tat-tip 11
8	Il-Ġermanja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
9	Il-Latvja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
10	Il-Finlandja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
11	Il-Lussemburgu	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
12	L-Isvezja	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
13	Id-Danimarka	—	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi fil-pajpijiet/fil-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.
14	Malta	Għall-kontroll tal-Leġjonella f'ilma għall-użu mill-bniedem, bħall-ilma tal-banju u tad-doċċa.	—	Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass fuq il-baħar u istallazzjonijiet oħra fuq il-baħar u kostali. Għall-prevenzjoni ta' organiżmi bijoloġiċi tal-pajpijiet/tal-pompi tal-ilma u fis-sistema kollha ta' pajpijiet u kanali tal-ilma ta' bastiment.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' Ġunju 2014

li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-ħmira tal-furnara trattata bil-UV (*Saccharomyces cerevisiae*) bħala ingredjent alimentari ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2014) 4114)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2014/396/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Mejju 2012, il-kumpanija Lallemand SAS talbet lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit biex tqiegħed fis-suq il-ħmira tal-furnara trattata bil-UV (*Saccharomyces cerevisiae*) bħala ingredjent alimentari ġdid. Il-ħmira tal-furnara trattata bil-UV hi maħsuba biex tintuża fil-produzzjoni ta' ħobż, bziezen u prodotti fini tal-forn li jkunu yeast-leavened.

(2) Fil-31 ta' Awwissu 2012, l-entità kompetenti tal-valutazzjoni tal-ikel tar-Renju Unit ħarġet l-ewwel rapport tal-valutazzjoni tagħha. F'dak ir-rapport waslet għall-konklużjoni li l-ħmira tal-furnara trattata bil-UV tissodisfa l-kriterji bħala ikel ġdid kif jistabbilixxi l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(3) Fil-11 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri l-oħra.

(4) Matul il-perjodu ta' 60 jum li jistabbilixxi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tqajmu xi oġġezzjonijiet motivati.

(5) Fl-14 ta' April 2013 il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) u talbitha tagħmel valutazzjoni oħra għall-ħmira tal-furnara trattata bil-UV bħala ingredjent alimentari ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97.

(6) Fit-12 ta' Diċembru 2013 fl-"Opinjoni Xjentifika dwar is-sikurezza tal-ħmira tal-furnara trattata bil-UV u rikka fil-vitamina D" ([2]), l-EFSA kkonkludiet li l-ħmira tal-furnara trattata bil-UV li fiha kontenut rikk ta' vitamina D_2 hi sikura skont il-kundizzjonijiet tal-użu maħsuba għalihom.

(7) Għaldaqstant, l-Opinjoni Xjentifika tagħti raġunijiet biżżejjed biex il-ħmira tal-furnara trattata bil-UV bħala ingredjent alimentari ġdid tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(8) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u r- Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-vitamini u l-minerali meta jiżdiedu mal-ikel u fis-supplimenti tal-ikel. L-użu tal-ħmira tal-furnara trattata bil-UV għandu jkun awtorizzat minħajr ħsara għal dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.
([2]) *The EFSA Journal* 2014; 12(1):3520.
([3]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ħmira tal-furnara trattata bil-UV kif jispeċifika l-Anness I tista' titqiegħed fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent alimentari ġdid skont l-użi definiti u fil-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II minghajr ħsara għad-Direttiva 2002/46/KE u għar-Regolament (KE) Nru 1925/2006.

Artikolu 2

Id-deżinjazzjoni tal-ħmira tal-furnara trattata bil-UV li hija awtorizzata b'din id-Deċiżjoni dwar it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom dan l-ingredjent għandha tkun "ħmira bil-vitamina D" jew "ħmira bil-vitamina D_2".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lil Lallemand SAS, 19 Rue des Briquetiers BP59, 31702 Blagnac Cedex, Franza.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

SPEĊIFIKAZZJONI TAL-ĦMIRA TAL-FURNARA TRATTATA BIL-UV

Definizzjoni:

Il-ħmira tal-furnara (*Saccharomyces cerevisiae*) hi trattata b'dawl ultravjola biex twassal għall-konverżjoni tal-ergosterol f'vitamina D2 (l-ergokalċiferol). Il-kontenut tal-vitamina D2 fil-konċentrat tal-ħmira jvarja bejn 1 800 000 — 3 500 000 IU ta' vitamina D/100 g (450-875 µg/g).

Deskrizzjoni: Granuli ġierja lewn il-kannella ċar

Il-vitamina D2:

Isem kimiku	(5Z,7E,22E)-3S-9,10-sekoergosta-5,7,10(19),22-tetraen-3-ol
Sinonimu	L-ergokalċiferol
Nru tal-CAS	50-14-6
Piż molekulari	396,65 g/mol

Kriterji mikrobijoloġiċi tal-konċentrat tal-ħmira:

Koliformi	Mhux aktar minn 1 000/g
Escherichia coli	Mhux aktar minn 10/g
Salmonella spp.	Nieqsa f'25 g

ANNESS II

L-UŻI AWTORIZZATI TAL-ĦMIRA TAL-FURNARA TRATTATA BIL-UV

Kategorija tal-ikel	Livelli tal-użu massimu
Ħobż u bziezen yeast-leavened	5 µg ta' vitamina D_2/100 g ta' prodott finali
prodotti fini tal-forn li jkunu yeast-leavened	5 µg ta' vitamina D_2/100 g ta' prodott finali
Supplimenti tal-ikel	5 µg ta' vitamina D2/jum

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Ġunju 2014

li tipposponi d-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tad-difetijalon u d-difenakum għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 14

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/397/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanzi attivi difetijalon u difenakum kienu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 14, u skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jitqiesu approvati f'konformità ma' dak ir-Regolament skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) L-approvazzjoni tagħhom tiskadi fil-31 ta' Ottubru 2014 u fil-31 ta' Marzu 2015, rispettivament. Ġew ippreżentati applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi attivi, u dan skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(3) Minħabba r-riskji identifikati u l-karatteristiċi tas-sustanzi attivi difetijalon u difenakum, li jagħmluhom potenzjalment persistenti, b'tendenza ta' bijoakkumulazzjoni u tossiċi, jew persistenti ħafna u b'tendenza kbira ta' bijoakkumulazzjoni, it-tiġdid tal-approvazzjoni tagħhom huwa suġġett għal valutazzjoni ta' sustanza jew sustanzi attivi alternattivi. Barra minn hekk, minħabba dawn il-karatteristiċi, l-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi tista' tiġġedded biss jekk jintwera li mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tiġi sodisfatta.

(4) Il-Kummissjoni nediet studju dwar il-miżuri li jnaqqsu r-riskji li jistgħu jiġu applikati għal rodentiċidi antikoagulanti bil-ħsieb li tipproponi l-miżuri li huma l-aktar adattati biex jitnaqqsu r-riskji marbuta mal-karatteristiċi ta' dawk is-sustanzi attivi.

(5) Dan l-istudju għaddej bħalissa u għandha tingħata l-possibbiltà lil dawk li applikaw għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi biex jindirizzaw il-konklużjonijiet tal-istudju fl-applikazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet ta' dan l-istudju għandhom jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tar-rodentiċidi antikoagulanti kollha.

(6) Sabiex jitħaffu l-eżami u l-paragun tar-riskji u l-benefiċċji tar-rodentiċidi antikoagulanti kollha, kif ukoll il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji applikati lilhom, il-valutazzjoni tad-difetijalon u d-difenakum għandha tiġi posposta sakemm tiġi ppreżentata l-aħħar applikazzjoni għat-tiġdid tal-aħħar rodentiċida antikoagulanti. L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-aħħar rodentiċidi antikoagulanti, jiġifieri l-brodifakum, il-warfarina u s-sodju tal-warfarina, huma mistennija li jiġu ppreżentati sal-31 ta' Lulju 2015.

(7) Għaldaqstant, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikanti, l-approvazzjoni tad-difetijalon u d-difenakum x'aktarx tiskadi qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Huwa xieraq għalhekk li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi għal perjodu ta' żmien twil biżżejjed biex ikun jista' jsir l-eżami tal-applikazzjonijiet.

(8) Minbarra d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, dawk is-sustanzi għandhom jibqgħu approvati skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-difetijalon u d-difenakum għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 14 għandha tiġi posposta għat-30 ta' Ġunju 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT